PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0038/2012**

27.2.2012

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/32/KE fir-rigward tal-kontenut ta’ kubrit fil-fjuwils tal-baħar
(COM(2011)0439 – C7-0199/2011 – 2011/0190(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Satu Hassi



*Magħquda fid-diversità*

### *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### *Emendi għal abbozz ta' att*

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa **grassa**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: **[...]**.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .......... 5

NOTA SPJEGATTIVA ........................................................................................................... 39

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU ........................................ 43

PROĊEDURA ....................................................................................................................... 69

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/32/KE fir-rigward tal-kontenut ta' kubrit fil-fjuwils tal-baħar (COM(2011)0439 – C7-0199/2011 – 2011/0190(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0439),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0199/2011),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Jannar 2012[1],

– wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0038/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 1a (ġdida)**

---

[1] Għad mhijiex ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) L-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li l-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha timmira lejn protezzjoni ta' livell għoli li tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet fid-diversi reġjuni tal-Unjoni.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 1b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1b) L-aċidifikazzjoni għadha problema mifruxa ħafna fl-Ewropa. Reġjuni sostanzjali tal-Ewropa għadhom partikolarment sensittivi għall-problemi tal-aċidifikazzjoni u l-Unjoni għadha ma kisbitx l-objettivi tagħha fir-rigward tat-tagħbijiet u l-livelli kritiċi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-emissjonijiet SOx huma wieħed mill-fatturi ewlenin li qed jikkawżaw l-aċidifikazzjoni fl-Ewropa.*

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-emissjonijiet mit-trasport marittimu minħabba l-kombustjoni ta' fjuwils tal-baħar b'kontenut għoli ta' kubrit jikkontribwixxu għat-tniġġis tal-arja fil-forma ta' diossidu tal-kubrit u materja partikulata, li jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem u jikkontribwixxu ***għall-aċidifikazzjoni***. | (3) L-emissjonijiet mit-trasport marittimu minħabba l-kombustjoni ta' fjuwils tal-baħar b'kontenut għoli ta' kubrit jikkontribwixxu għat-tniġġis tal-arja fil-forma ta' diossidu tal-kubrit u materja partikulata, li jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem u ***lill-ambjent u*** jikkontribwixxu ***għall-formazzjoni ta' preċipitazzjonijiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***aċidużi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-diossidu tal-kubrit innifsu (mhux bħala prekursur ta' preċipitazzjonijiet aċidużi) huwa ta' ħsara mhux biss għas-saħħa tal-bniedem, iżda huwa wkoll aġent korruživ b'saħħtu fir-rigward tal-metalli u l-ligi, il-konkrit, u l-karbonat li bihom huma magħmula ħafna monumenti storiċi u materjali li bihom jinkesa l-ġebel. Għall-fini ta' ċarezza – preċipitazzjoni aċiduża tifforma u tikkontribwixxi għall-aċidifikazzjoni tal-ilma u l-ħamrija tal-wiċċ.*

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) It-tniġġis tal-arja kkawżat mill-vapuri rmiġġati, b'mod partikolari mill-vapuri tal-kruċieri, huwa ta' tħassib maġġuri għall-bliet li għandhom port fir-rigward tal-isforzi tagħhom biex jilħqu l-valuri ta' limitu tal-Unjoni għall-kwalità tal-arja għall-materja partikulata u l-$NO_2$.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Magni awżiljarji jipprovdu l-elettriku għall-vapuri meta jkunu rmiġġati. It-tniġġis tal-arja li jirriżulta mill-ġenerazzjoni tal-enerġija għall-vapuri fil-portijiet hija problema akuta ħafna tal-kwalità tal-arja fil-bliet li għandhom port. Din il-kwistjoni hija partikolarment importanti għall-vapuri tal-kruċieri li għandhom ħtieġa relattivament akbar ta' elettriku mill-vapuri tat-tagħbija.*

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 3b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3b) L-Istati Membri għandhom jappoġġjaw l-iżvilupp tal-infrastruttura meħtieġa għan-netwerk tal-elettriku terrestri, billi l-elettriku għall-vapuri ta' daż-żmien normalment jiġi pprovdut minn magni awżiljarji.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 3c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3c) L-emissjonijiet minn sorsi bbażati fuq l-art tnaqqsu, filwaqt li t-tniġġis tal-arja mit-trasport marittimu mistenni jiżdied drastikament. Sa bejn wieħed u ieħor l-2020, jekk ma tittiħidx azzjoni ulterjuri, l-emissjonijiet tal-SOx u l-NOx ġejjin mit-trasport marittimu għaldaqstant se jkunu ogħla mill-emissjonijiet ġejjin mis-sorsi kollha bbażati fuq l-art.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-settur marittimu huwa sors importanti ta' tniġġis tal-arja fl-UE. F'xenarju fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu, l-emissjonijiet tas-settur se jaqbżu l-emissjonijiet ġejjin minn sorsi bbażati fuq l-art. Dan isaħħaħ il-ħtieġa li jitnaqqsu rapidament l-emissjonijiet tal-SOx mit-trasport marittimu kif ukoll li jiġu indirizzati l-emissjonijiet tal-NOx fil-ġejjieni l-aktar qrib.*

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 3d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3d) Il-ħsara lis-saħħa tal-bniedem bħala konsegwenza tat-tniġġis tal-arja fil-portijiet u fi bliet qrib għandha tkun irrimedjata permezz tal-użu ta' fjuwils b'kontenut massimu ta' kubrit ta' 0.10% skont il-massa għal manuvri ta' trakkar u tluq.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Skont id-Direttiva 1999/32/KE, il-Kummissjoni trid tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva u tressaq kwalunkwe proposta għal emendi, b'mod partikolari fir-rigward tat-tnaqqis tal-limiti ta' kubrit għall-fjuwil tal-baħar f'Żoni ta' Kontroll għall-Emissjonijiet tal-SOx (SECAs), skont il-ħidma ***fi ħdan l-Organizzazzjoni*** Marittima Internazzjonali (IMO). | (4) Skont id-Direttiva 1999/32/KE, il-Kummissjoni trid tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva u tressaq kwalunkwe proposta għal emendi, b'mod partikolari fir-rigward tat-tnaqqis tal-limiti ta' kubrit għall-fjuwil tal-baħar f'Żoni ta' Kontroll għall-Emissjonijiet tal-SOx (SECAs), skont il-ħidma ***tal-Organizzazzjoni*** Marittima Internazzjonali (IMO). |

*Ġustifikazzjoni*

*It-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit fil-fjuwils tal-baħar huwa determinat mill-IMO; huwa kompitu maġġuri u l-livell l-aktar xieraq għat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-ikkompletar tiegħu huwa l-livell internazzjonali. Fil-proposta tagħha l-Kummissjoni għandha tinsisti fuq l-importanza tad-dimensjoni internazzjonali u ma għandhiex għalhekk tagħti l-impressjoni li l-ħidma tal-IMO hija sempliċement waħda sekondarja u li tista' tiġi emendata mingħajr ma l-ewwel jiġu mgħarrfa l-partijiet internazzjonali l-oħra.*

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Huwa importanti wkoll li l-Kummissjoni tivvaluta l-konsegwenzi tal-iżgurar tal-konformità tas-settur tat-trasport marittimu fuq il-bażi ta' rapporti mfassla mill-Istati Membri, bil-għan li jkun jista' jsir l-ippjanar upsteam ta' miżuri xierqa ta' akkumpanjament, partikolarment billi jitwettqu studji dwar id-disponibilità tal-fjuwils, il-prezzijiet tagħhom, ir-riskji ta' bidla modali b'lura u l-impatt ta' din id-direttiva fuq l-operaturi ekonomiċi kollha fis-settur tat-trasport marittimu. Ir-riżultati ta' dawn l-istudji jagħmluha possibbli li jiġu ċċarati l-proposti tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni fil-prattika tal-"kaxxa tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***għodda" tagħha, kif imsemmi fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tas-16 ta' Settembru 2011 intitolat "Pollutant emission reduction from maritime transport and the sustainable waterborne transport toolbox"*, u l-implimentazzjoni tal-arranġamenti għat-trasport sostenibbli fuq l-ilmijiet.*** <br> ______________ <br> **** SEC (2011)1052 finali.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-miżuri ta' akkumpanjament jidhru li huma essenzjali bil-għan li s-settur tat-trasport marittimu jkun megħjun jadatta: din hija t-tifsira tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2011)441. Kwalunkwe tnaqqis fis-servizzi marittimi għandu jiġi evitat u għalhekk hemm il-ħtieġa li ssir evalwazzjoni aktar 'il fuq tal-konsegwenzi ta' din id-direttiva f'dak li hu l-iżgurar tal-konformità, sabiex jiġu kkunsidrati miżuri xierqa possibbli biex isir segwitu tal-proposta tal-Kummissjoni dwar il-miżuri akkumpanjanti għall-operaturi f'dan is-settur.*

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 4b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4b) Xi metodi għat-tnaqqis tal-SOx jistgħu jiġġeneraw l-iskart, b'mod partikolari l-ilma użat li jkun fih il-merkurju, is-selenju, u elementi traċċa oħra li jistgħu jeħtieġu t-trattament tal-ilma użat qabel ma jintrema. Il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida għall-iżvilupp armonizzat tal-faċilitajiet tal-ilqugħ fil-portijiet tal-Unjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li 'scrubbers' tal-SOx jistgħu jkunu għodod effiċjenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, dawn jistgħu jiġġeneraw skart li ma għandux jintrema ġol-ibħra. Il-Kummissjoni għandha tippromwovi l-iżvilupp fil-portijiet tal-UE tal-infrastruttura meħtieġa biex jintlaqa' u jiġi ttrattat l-ilma użat minn 'scrubbers'.*

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) L-Anness VI rivedut tal-MARPOL jintroduċi, fost l-oħrajn, limiti aktar stretti għall-kubrit tal-fjuwils tal-baħar fis-SECAs (1.00 % mill-1 ta' Lulju 2010 u 0.50 % mill-1 ta' Jannar 2015) kif ukoll fiż-żoni tal-baħar barra s-SECAs (3.5 % mill-1 ta' Jannar 2012 u, fil-prinċipju, 0.10 % mill-1 ta' Jannar 2020). Il-maġġoranza tal-Istati Membri huma obbligati jesiġu li l-vapuri jużaw fjuwil b'kontenut ta' kubrit ta' mhux aktar minn 1.00 % fis-SECAs mill-1 ta' Lulju 2010 fuq il-bażi tal-impenji internazzjonali tagħhom. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-liġi internazzjonali kif ukoll sabiex jiġi żgurat infurzar korrett tal-istandards il-ġodda għall-kubrit li ġew stabbiliti b'mod globali fl-Unjoni, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 1999/32/KE għandhom jiġu allinjati mal-Anness VI rivedut tal-MARPOL. Sabiex tiġi żgurata l-kwalità minima tal-fjuwil użat mill-vapuri għal konformità abbażi tal-fjuwil jew tat-teknoloġija, ma għandux jitħalla jintuża jew jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni fjuwil tal-baħar li l-kontenut ta' kubrit tiegħu jaqbeż l-istandard ġenerali ta' 3.5 % skont il-massa. | (6) L-Anness VI rivedut tal-MARPOL jintroduċi, fost l-oħrajn, limiti aktar stretti għall-kubrit tal-fjuwils tal-baħar fis-SECAs (1.00 % mill-1 ta' Lulju 2010 u 0.50 % mill-1 ta' Jannar 2015) kif ukoll fiż-żoni tal-baħar barra s-SECAs (3.5 % mill-1 ta' Jannar 2012 u, fil-prinċipju, 0.10 % mill-1 ta' Jannar 2020). Il-maġġoranza tal-Istati Membri huma obbligati jesiġu li l-vapuri jużaw fjuwil b'kontenut ta' kubrit ta' mhux aktar minn 1.00 % fis-SECAs mill-1 ta' Lulju 2010 fuq il-bażi tal-impenji internazzjonali tagħhom. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-liġi internazzjonali ***u kundizzjonijiet ugwali globali,*** kif ukoll sabiex jiġi żgurat infurzar korrett tal-istandards il-ġodda għall-kubrit li ġew stabbiliti b'mod globali fl-Unjoni, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 1999/32/KE għandhom jiġu allinjati ***għallanqas*** mal-Anness VI rivedut tal-MARPOL. ***Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkollhom aċċess effikaċi u ugwali għas-suq intern u dak internazzjonali, huwa importanti li jiġu magħrufa l-isfidi li xi industriji se jaffaċċaw bl-introduzzjoni ta' livelli differenti ta' emissjoni ta' kubrit fl-Unjoni. Barra minn hekk, huwa importanti li s-sitwazzjoni tiġi ssorveljata mill-qrib u li jinħolqu soluzzjonijiet li jistgħu jiksbu kundizzjonijiet ugwali minimi.*** Sabiex tiġi żgurata l-kwalità minima tal-fjuwil użat mill-vapuri għal konformità abbażi tal-fjuwil jew tat-teknoloġija, ma għandux jitħalla jintuża jew jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni fjuwil tal-baħar li l-kontenut ta' kubrit tiegħu jaqbeż l-istandard ġenerali ta' 3.5 % skont il-massa. |

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Il-vapuri tal-passiġġieri joperaw l-aktar fil-portijiet jew qrib żoni kostali u l-impatti tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent huma sinifikanti. Dawk il-vapuri huma meħtieġa jużaw fjuwil tal-baħar bl-istess kontenut massimu ta' kubrit kif applikabbli fis-SECAs (1.5 %). Minħabba li se japplikaw standards aktar stretti dwar il-kubrit fis-SECAs, huwa ġustifikat mill-ħtieġa li tittejjeb il-kwalità tal-arja madwar il-portijiet u l-kosti fit-territorji mhux SECA li l-istess standards japplikaw għall-vapuri tal-passiġġieri. Madankollu, l-introduzzjoni ta' standard SECA ġdid għall-vapuri tal-passiġġieri se tiġi ttardjata bi tliet (5) snin sabiex jiġu evitati problemi potenzjali bid-disponibbiltà tal-fjuwil. | (7) Il-vapuri tal-passiġġieri joperaw l-aktar fil-portijiet jew qrib żoni kostali u l-impatti tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent huma sinifikanti. Dawk il-vapuri huma meħtieġa jużaw fjuwil tal-baħar bl-istess kontenut massimu ta' kubrit kif applikabbli fis-SECAs (1.5 %). Minħabba li se japplikaw standards aktar stretti dwar il-kubrit fis-SECAs, huwa ġustifikat mill-ħtieġa li tittejjeb il-kwalità tal-arja madwar il-portijiet u l-kosti fit-territorji mhux SECA li l-istess standards japplikaw għall-vapuri tal-passiġġieri. Madankollu, l-introduzzjoni ta' standard SECA ġdid għall-vapuri tal-passiġġieri se tiġi ttardjata bi tliet (5) snin sabiex jiġu evitati problemi potenzjali bid-disponibbiltà tal-fjuwil. ***Meta dawn jista' jirriżultaw f'impatt soċjali negattiv sinifikanti fuq il-komunitajiet lokali li jgħixu fi gżejjer fiż-żoni l-aktar periferiċi tal-Unjoni u fuq it-territorju kollu tal-Greċja jew parti minnu, l-Istati Membri konċernati jistgħu jipposponu b'massimu ta' ħames snin oħra l-applikazzjoni tal-istandard fir-rigward ta' numru limitat ta' vapuri tal-passiġġieri li joperaw b'servizzi regolari fuq rotot bejn il-portijiet tal-Unjoni, sakemm l-istandards relevanti tal-kwalità tal-arja jiġu rispettati.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Sabiex jiġu żgurati benefiċċji għall-kwalità tal-arja għall-Istati Membri li l-kosti tagħhom ma jagħmlux parti mis-SECAs, l-introduzzjoni ta' kwalunkwe żona ġdida ta' kontroll tal-emissjonijiet għandha tkun suġġetta għal proċess tal-IMO skont l-Anness VI tal-MARPOL u sostnuta minn każ fundat tajjeb ibbażat fuq raġunijiet ambjentali u ekonomiċi u appoġġata minn data xjentifika.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 7b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7b) Biex ikunu żgurati l-benefiċċji tal-kwalità tal-arja tal-Istati Membri li x-xtut tagħhom mhumiex parti mis-SECAs, u biex ikunu stabbiliti kundizzjonijiet minimi ndaqs għas-settur madwar l-Unjoni, l-istess rekwiżit rigward il-kwalità tal-fjuwil għandu jkun estiż fuq l-ibħra territorjali tal-Istati Membri u fuq żoni tal-kontroll tat-tniġġis 'il barra mis-SECAs.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 7c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7c) Sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal teknoloġiji ġodda tal-magni bil-potenzjal għal tnaqqis ulterjuri sinifikanti*** |

***tal-emissjonijiet fis-settur marittimu, il-Kummissjoni għandha tipprepara mingħajr dewmien strateġija ta' utilizzazzjoni komprensiva għall-gass naturali likwifikat sabiex tippermetti u tinkoraġġixxi l-użu ta' magni li joperaw bil-gass fil-vapuri.***

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11a) Huwa partikolarment importanti li jiġi evitat li jkun hemm bidla modali b'lura, minħabba l-fatt li ż-żieda eventwali ta' merkanzija li tinġarr bit-triq tmur kontra l-objettivi tat-tibdil fil-klima tal-Unjoni u żżid il-konġestjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-emissjonijiet medji tas-$CO_2$ għal kull tunnelleta kilometru għall-ġarr bit-triq huma aktar minn seba' darbiet daqs dawk li jirriżultaw mit-trasport bil-baħar. B'riżultat ta' dan, għandhom jittieħdu miżuri biex jevitaw li din id-Direttiva twassal biex ikun hemm bidla minn ġarr tal-merkanzija bil-baħar għal ġarr bit-triq minħabba l-ispejjeż ogħla ta' fjuwil għall-vapuri. Żieda fit-trasport bit-triq iżżid ukoll il-konġestjoni u l-livelli tal-ħsejjes, li t-tnejn diġà huma problemi serji għaċ-ċittadini Ewropej.*

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 11b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11b) L-ispejjeż tar-rekwiżiti l-ġodda biex jonqsu l-emissjonijiet tal-kubrit qed jissograw li joħolqu bidla modali b'lura, li huwa ta' tħassib partikolari għal żoni u industriji li jiddependu sew mit-trasport bil-baħar. Il-Kummissjoni għandha tagħmel użu sħiħ mill-istrumenti eżistenti, bħal Marco Polo u TEN-T, partikolarment*** |

***fl-Istati Membri qrib is-SECAs, biex tipprovdi għajnuna mmirata biex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' bidla modali b'lura. Fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika attwali u l-effetti possibbli ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tippreżenta miżuri konkreti li jipprovdu lill-industrija għajnuna ekonomika u finanzjarja għall-appoġġ ta' teknoloġiji marittimi favorevoli għall-ambjent qabel Jannar 2015, b'mod partikolari bil-kunsiderazzjoni tad-disponibilità tal-fjuwils, il-prezzijiet tagħhom, ir-riskji tal-bidla modali b'lura u l-impatt tal-miżuri provduti f'din id-Direttiva fuq l-operaturi ekonomiċi kollha fis-settur tat-trasport marittimu.***

*Ġustifikazzjoni*

*Spejjeż aktar għoljin għall-fjuwil tat-tbaħħir huma ta' tħassib partikulari għall-prodotti bi proporzjon relattivament għoli ta' volum għall-valur, inklużi l-karta u l-metalli mhux maħduma. Filwaqt li l-proġetti ta' appoġġ għall-użu ta' Gass Naturali Likwifikat (LNG) jew teknoloġiji tal-iscrubbers diġà huma eliġibbli għall-fondi mill-programmi Marco Polo u TEN-T Motorways tal-Baħar, jekk irridu li l-bidla modali b'lura tiġi minimizzata, dan l-appoġġ jeħtieġ li jkun sostnut u msaħħaħ.*

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Għandu jiġi ffaċilitat l-aċċess għal metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet. Dawn il-metodi jistgħu jipprovdu tnaqqis fl-emissjonijiet tal-anqas ekwivalenti jew, saħansitra akbar minn dak li jista' jinkiseb bl-użu ta' fjuwils b'livell baxx ta' kubrit, bil-kundizzjoni li ma jkollhomx effetti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent, bħall-ekosistemi tal-baħar, u li jiġu żviluppati suġġett għal mekkaniżmi xierqa ta' approvazzjoni u kontroll. Il-kriterji għall-użu ta' metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet għandhom jiġu stabbiliti jew mill-IMO, suġġetti għal supplimentazzjoni jew | (12) Għandu jiġi ffaċilitat l-aċċess għal metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ***kif ukoll appoġġat permezz ta' inċentivi***. Dawn il-metodi jistgħu jipprovdu tnaqqis fl-emissjonijiet tal-anqas ekwivalenti jew, saħansitra akbar minn dak li jista' jinkiseb bl-użu ta' fjuwils b'livell baxx ta' kubrit, bil-kundizzjoni li ma jkollhomx effetti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent, bħall-ekosistemi tal-baħar ***jew l-emissjonijiet tas-$CO_2$, jew fuq is-saħħa tal-bniedem***, u li jiġu żviluppati suġġett għal mekkaniżmi xierqa ta' approvazzjoni u kontroll. Il-kriterji għall-użu ta' metodi ta' tnaqqis tal- |

| | |
|---|---|
| emendar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni jew, fin-nuqqas tal-istrumenti tal-IMO, mill-Kummissjoni Ewropea. Il-metodi alternattivi diġà magħrufa, bħall-użu ta' sistemi abbord għat-tindif tal-gass tal-egżost jew it-taħlita ta' fjuwil u gass naturali likwifikat (LNG) għandhom jiġu rikonoxxuti fl-Unjoni. Huwa importanti li *jiġi promoss* l-ittestjar u l-iżvilupp ta' metodi ġodda għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. | emissjonijiet għandhom jiġu stabbiliti jew mill-IMO, suġġetti għal supplimentazzjoni jew emendar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni jew, fin-nuqqas tal-istrumenti tal-IMO, mill-Kummissjoni Ewropea. Il-metodi alternattivi diġà magħrufa, bħall-użu ta' sistemi abbord għat-tindif tal-gass tal-egżost jew it-taħlita ta' fjuwil u gass naturali likwifikat (LNG) għandhom jiġu rikonoxxuti fl-Unjoni. Huwa importanti li *jiġu promossi* ***u appoġġati finanzjarjment*** l-ittestjar u l-iżvilupp ta' metodi ġodda għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ***u biex jiġi żgurat bilanċ bejn l-ispiża u l-effikaċja u d-disponibbiltà tagħhom fuq skala kbira, sabiex, fost raġunijiet oħra, jiġu evitati l-bidliet modali, li jkunu kontroproduttivi għall-ambjent, mit-trasport marittimu fuq distanzi qosra għat-trakkijiet.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) L-użu tal-Gass Naturali Likwifikat (LNG) prattikament jelimina l-emissjonijiet tal-kubrit. Kodiċi ġdid għall-vapuri li jaħdmu bl-LNG huwa mistenni li jiġi introdott fl-2014 flimkien mar-reviżjoni li jmiss tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS). L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li tiġi żgurata s-sikurezza u d-disponibilità, kif ukoll operazzjonijiet ta' bunkering sikuri, tal-vapuri li jaħdmu bl-LNG, filwaqt li jipprevjenu li l-Konvenzjoni SOLAS riveduta toħloq barrieri bla bżonn għall-użu tal-LNG. Il-Kummissjoni għandha talloka fondi Ewropej bħall-Marco Polo b'mod kemm jista' jkun wiesa' biex tinkoraġġixxi l-użu ta' LNG b'ammont*** |

| | |
|---|---|
| | ***baxx ta' kubrit bħala fjuwil marittimu. L-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu għal din it-tendenza billi jagħmlu l-faċilitajiet fiskali disponibbli għas-sidien tal-bastimenti li jinvestu fl-użu tal-LNG jew fl-iżvilupp u l-użu tal-iscrubbers.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jitqiesu l-esperjenzi li għaddew meta wieħed jiġi għar-reviżjoni tal-Anness VI għall-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis tal-Baħar (MARPOL) (il-proposta tal-Kummissjoni kienet waslet biss kważi tliet snin wara li kien hemm qbil dwarha fl-2008 u xi Stati Membri kienu wrew dubji dwar dak li kien sar qbil fuqu). Għall-kuntrarju tal-Kummissjoni, l-Istati Membri, bħala membri fl-IMO, għandhom jiżguraw li l-Kodiċi l-ġdid tal-LNG jinkuraġġixxi l-użu ta' sors ta' fjuwil aktar nadif mingħajr ma jiġu kompromessi l-istandards tas-sikurezza. Għandhom jitqiesu r-regoli tas-sikurezza għall-operazzjonijiet ta' bunkering u d-disponibilità ta' installazzjonijiet tal-bunkering.*

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 12b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12b) L-Istati Membri jistgħu, bħala soluzzjoni alternattiva biex inaqqsu l-emissjonijiet, jiffaċilitaw sitwazzjoni fejn il-bastimenti irmiġġati jużaw sistemi tal-provvista tal-enerġija li jkunu fuq l-art minflok enerġija ġġenerata fuq il-bastimenti stess.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 12c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12c) Sabiex tiġi inkoraġġita l-adozzjoni bikrija tal-metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet li jiksbu tal-inqas l-istess livelli ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-kubrit kif stipulat f'din id-Direttiva, għandhom jiġu promossi alternattivi mill-Unjoni u mill-Istati Membri, bħalma huwa l-użu ta'*** |

*sistemi abbord għat-tindif tal-gass tal-egżost u teknoloġiji tal-gass naturali likwifikat (LNG), permezz ta' inċentivi finanzjarji xierqa.*

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 12d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12d) L-Istati Membri għandhom ukoll jagħmlu użu ta' mekkaniżmi bħalma huma taxxi differenzjati u tariffi skont il-kilometri bbażati fuq il-prestazzjoni tal-emissjonijiet sakemm jidħol fis-seħħ ir-rekwiżit globali ta' 0.50% fir-rigward tal-kontenut massimu tal-kubrit tal-fjuwil.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 12e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12e) Hemm bżonn li l-Istati Membri jintalbu japplikaw il-politiki ta' "l-ebda ħlas speċjali"fuq skariki minn sistemi għat-tindif tal-gass tal-egżost fil-portijiet biex ikun żgurat li jittieħed ħsieb ta' kull skart li jiġi ġenerat mill-użu ta' metodi ta' tnaqqis alternattivi.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 12f (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12f) Kull inċentiv finanzjarju provdut mill-Istati Membri għall-metodi ta' tnaqqis ta' emissjonijiet li jikseb tnaqqis*** |

| | |
|---|---|
| | ***ta' emissjonijiet ekwivalenti għal dak miksub permezz tal-użu ta' fjuwil b'livell baxx ta' kubrit, għandu jqis l-investimenti ta' qabel il-5 ta' Lulju 2011, dment li t-tagħmir ikun konformi mal-kriterji tal-IMO, sakemm issir l-adozzjoni tal-kriterji supplimentari mill-Kummissjoni.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 12g (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12g) Sabiex id-deċiżjonijiet dwar l-investiment ikunu jistgħu jsiru f'waqthom, l-inċentivi għandhom jappoġġaw l-adattament bikri. Sabiex jiġi evitat ir-riskju potenzjali ta' bidla modali b'lura u biex ikunu limitati l-iżvantaġġi kompetittivi, jeħtieġ li jiġu introdotti programmi ta' fondi tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti l-ġodda rigward l-użu ta' fjuwil b'kontenut baxx ta' kubrit.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 12h (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12h) Metodi ta' tnaqqis alternattivi bħal "scrubbers" jistgħu jiġġeneraw skart li m'għandux jintrema fil-baħar. Il-Kummissjoni, għalhekk, għandha tadotta linji gwida komuni biex tiżgura li jittieħed ħsieb ta' dan l-iskart.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 12i (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12i) L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibiltà u d-distribuzzjoni bilanċjata tal-fjuwil konformi skont ir-Regolament 18 tal-Anness VI rivedut tal-MARPOL.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 12j (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12j) Minħabba d-diffikultajiet li għaddew minnhom l-Istati Membri fl-ilħuq tal-miri tal-kwalità tal-arja stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni u l-qabża li għadha teżisti bejn dawk il-miri u r-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, il-Kummissjoni għandha tgħin fit-tħejjija tal-analiżi neċessarja għall-applikazzjoni tal-IMO għal ħtir ta' żoni addizzjonali tal-baħar Ewropew bħala s-SECAs, partikolarment fil-Mediterran, fil-Grigal tal-Atlantiku (inkluż il-Baħar Irlandiż) u fil-Baħar l-Iswed. Il-Kummissjoni għandha tinvestiga wkoll il-merti ta' ħtir ta' żoni tal-baħar Ewropej bħala Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet NOx.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) ***Sabiex tiġi deċiża d-data tal-applikazzjoni tal-limitu ta' 0.50 % kubrit,*** sabiex jiġu ddeżinjati SECAs ġodda, biex | (13) Sabiex jiġu ddeżinjati SECAs ġodda, biex jiġu approvati metodi alternattivi ġodda għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u |

jiġu approvati metodi alternattivi ġodda għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u sabiex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet xierqa għall-użu tagħhom, sabiex jiġi żgurat monitoraġġ xieraq tal-kontenut ta' kubrit tal-fjuwils u l-kontenut u l-format armonizzat tar-rapporti tal-Istati Membri u sabiex id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi delegat lill-Kummissjoni fir-rigward ***tal-ispeċifikazzjoni tad-data minn meta għandu japplika fl-Unjoni l-kontenut massimu ta' kubrit fil-fjuwils ta' 0.50 % skont il-massa, id-deżinjazzjoni*** ta' SECAs ġodda fuq il-bażi tad-deċiżjoni tal-IMO, l-approvazzjoni ta' metodi ġodda għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li mhumiex koperti bid-Direttiva 96/98/EC u l-istabbiliment, is-supplimentazzjoni u l-emendar tal-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom, l-ispeċifikazzjoni tal-mezzi għat-teħid ta' kampjuni u l-monitoraġġ tal-emissjonijiet u l-kontenut u l-format tar-rapport u l-emenda tal-Artikolu 2, il-punti 1, 2, 3, 3a, 3b u 4 jew l-Artikolu 6 l-paragrafu 1(a) u 2 fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku u, fejn ikun rilevanti, l-istrumenti tal-IMO. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qiegħda tipprepara u tfassal atti ta' delega, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

sabiex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet xierqa għall-użu tagħhom, sabiex jiġi żgurat monitoraġġ xieraq tal-kontenut ta' kubrit tal-fjuwils u l-kontenut u l-format armonizzat tar-rapporti tal-Istati Membri u sabiex id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jiġu adattati għall-progress xjentifiku u tekniku, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi delegat lill-Kummissjoni fir-rigward ***tal-ħtir*** ta' SECAs ġodda fuq il-bażi tad-deċiżjoni tal-IMO, l-approvazzjoni ta' metodi ġodda għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li mhumiex koperti bid-Direttiva 96/98/EC u l-istabbiliment, is-supplimentazzjoni u l-emendar tal-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom, l-ispeċifikazzjoni tal-mezzi għat-teħid ta' kampjuni u l-monitoraġġ tal-emissjonijiet u l-kontenut u l-format tar-rapport u l-emenda tal-Artikolu 2, il-punti 1, 2, 3, 3a, 3b u 4 jew l-Artikolu 6, il-paragrafu 1(a) u 2, fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku u, fejn ikun rilevanti, l-istrumenti tal-IMO. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qiegħda tipprepara u tfassal atti ta' delega, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Premessa 14a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) Bil-ħsieb tad-dimensjoni globali tal-politika ambjentali u tal-emissjonijiet mit-trasport marittimu, din id-Direttiva tinkoraġġixxi lill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha biex javvanzaw b'mod attiv, fl-IMO, l-objettiv tal-akkwist tal-istandards uniformi tal-emissjonijiet għaż-żoni marritimi kollha tad-dinja.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 2 – punt -a (ġdid)**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 2 – punt 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) il-punt 3 jinbidel b'li ġej:*** <br> ***'3. karburant marittimu*** **jfisser kull karburant likwidu li ġej miż-żejt,** ***kif ukoll bijofjuwils,*** **maħsuba għall-użu fuq bastiment, li jinkludi dawk il-karburanti definiti fl-ISO 8217. Dan jinkludi kwalunkwe karburant likwidu li ġej miż-żejt għall-użu fuq bastimenti għall-passaġġi tal-ilma interni jew dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni, kif definit fid-Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri kontra l-emissjoni ta' susinkwinanti ta' gass u partikolati minn magni tal-kombustjoni interna li għandhom jiġu installati f'makkinarju mobbli mhux għat-triq u d-Direttiva 94/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri marbuta mad-dgħajjes li jintużaw għar-** |

| | |
|---|---|
| | **rikreazzjoni, meta bastimenti bħal dawn ikunu fuq il-baħar;'** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-użu tal-bijofjuwils diġà huwa teknikament possibbli llum u t-tali fjuwils huma wkoll disponibbli għall-bastimenti. Għalhekk, id-Direttiva għandha tkun ċara fi kliemha li qed tippermetti wkoll l-użu ta' bijofjuwils.*

**Emenda 32**
**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 3a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jintużawx jew jitqiegħdu fis-suq fjuwils tal-baħar fit-territorju tagħhom jekk il-kontenut ta' kubrit tagħhom jaqbeż 3.5 % skont il-massa. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jintużawx jew jitqiegħdu fis-suq fjuwils tal-baħar fit-territorju tagħhom jekk il-kontenut ta' kubrit tagħhom jaqbeż 3.5% skont il-massa***, ħlief għall-fjuwils maħsuba biex ifornu lill-vapuri li qed jużaw il-metodi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4c b'sistemi magħluqa***. |

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 6 – sottopunt b**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan il-paragrafu għandu japplika għall-bastimenti li jtajru liema bandiera jtajru, inklużi bastimenti li l-vjaġġ tagħhom ikun beda barra l-Unjoni. | Dan il-paragrafu għandu japplika għall-bastimenti li jtajru liema bandiera jtajru, inklużi bastimenti li l-vjaġġ tagħhom ikun beda barra l-Unjoni, ***mingħajr preġudizzju għall-eżenzjonijiet li jinsabu fl-Anness VI tal-MARPOL***. |

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 6 – punt b**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4a – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri finanzjarji favur is-setturi jew sottosetturi determinati li jkunu esposti għal riskju ta' diffikultà ekonomika minħabba l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stipulati fil-punt (b) tal-Artikolu 4a(1) u biex jikkompensaw għall-ispejjeż tal-implimentazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha, sa tmiem l-2013, tadotta gwida dwar ir-regoli applikabbli ta' għajnuna mill-Istat li għandhom jiġu segwiti f'dan ir-rigward.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-konformità mat-tnaqqis tal-limiti tal-kubrit għall-fjuwils tal-baħar tirriżulta f'żieda sinifikanti fil-ħlasijiet tal-merkanzija marittima. Dan għandu impatt negattiv serju fuq il-kompetittività tal-industrija li jiddependu mis-servizzi tat-trasport marittimu. L-Istati Membri bi fruntieri mas-SECAs għandhom jingħataw permess jikkompensaw b'mod temporanju b'għajnuna mill-Istat l-ispejjeż għall-impriżi li huma suġġetti għall-kompetizzjoni globali u li huma esposti għal spejjeż sinifikanti relatati mar-regolament tal-kubrit.*

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 6 – sottopunt c**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4a – paragrafu 1a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li ma jintużawx fjuwils tal-baħar fiż-żoni tal-ibħra territorjali tagħhom, żoni ekonomiċi esklużivi u żoni ta' kontroll tat-tniġġis jekk il-kontenut ta' kubrit ta' dawk il-fjuwils skont il-massa jaqbeż: | 1a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li ma jintużawx fjuwils tal-baħar fiż-żoni tal-ibħra territorjali tagħhom, żoni ekonomiċi esklużivi u żoni ta' kontroll tat-tniġġis jekk il-kontenut ta' kubrit ta' dawk il-fjuwils skont il-massa jaqbeż: |

| | |
|---|---|
| (a) 3.50 % mill-1 ta' Jannar 2012; | (a) 3.50 % mill-1 ta' Jannar 2012; |
| (b) b) 0.50% ***mill-1 ta' Jannar 2020***. | (b) 0.50% ***mill-1 ta' Jannar 2015***; |
| | ***(ba) 0.10% mill-1 ta' Jannar 2020.*** |
| ***Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 9a ta' din id-Direttiva rigward id-data li minnha japplika l-istandard dwar il-kubrit li hemm stipulat fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' fjuwil tal-baħar sabiex jiġi osservat il-kontenut massimu ta' kubrit fil-fjuwil ta' 0.50 % skont il-massa, li hemm referenza għalih fir-Regolament 14(8) tal-Anness VI tal-MARPOL, din id-data għandha tkun l-1 ta' Jannar 2020 jew l-1 ta' Jannar 2025.*** | |
| Dan il-paragrafu għandu japplika għall-bastimenti kollha tal-bnadar kollha, inklużi l-bastimenti li l-vjaġġ tagħhom ikun beda barra mill-Unjoni, mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 4 u l-Artikolu 4b. | Dan il-paragrafu għandu japplika għall-bastimenti kollha tal-bnadar kollha, inklużi l-bastimenti li l-vjaġġ tagħhom ikun beda barra mill-Unjoni, mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 4 u l-Artikolu 4b. |

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 6 – sottopunt d**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 9a ta' din id-Direttiva fir-rigward tad-deżinjazzjoni ta' żoni tal-baħar bħalma huma ż-Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-SOx ***fuq il-bażi tad-deċiżjoni tal-IMO*** skont ir-Regolament 14(3)(2) tal-Anness VI tal-MARPOL. | Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 9a ta' din id-Direttiva fir-rigward tad-deżinjazzjoni ta' żoni tal-baħar bħalma huma ż-Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-SOx ***b'konformità mad-deżinjazzjoni tal-IMO*** skont ir-Regolament 14(3)(2) tal-Anness VI tal-MARPOL. |

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 6 – sottopunt e**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4a – paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-limiti stipulati fil-paragrafi 1, 1a u 4, u wara eżami tal-elementi kollha ta' evidenzi, l-awtoritajiet li qegħdin jeżerċitaw Kontroll fuq il-Port tal-Istat għandu jkollhom is-setgħa li jwaqqfu l-vapur sakemm il-ksur ikun ġie rettifikat.*** |
| | ***Vapuri li ma jkunux konformi se jkunu meħtieġa li jħottu l-fjuwil u jkunu soġġetti għal penali kuljum għal kull element ta' ksur.*** |
| | ***L-Istati Membri jistgħu jieħdu wkoll azzjoni addizzjonali skont il-liġi marittima internazzjonali.*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 6 – sottopunt e**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4a – paragrafu 4b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. B'deroga mill-paragrafi 4 u 4a, meta l-konformità mal-valuri limitu li saret referenza għalihom fil-paragrafu 4 tirriżulta f'impatt soċjali negattiv sinifikanti fuq il-komunitajiet lokali li jgħixu fi gżejjer fiż-żoni l-aktar periferiċi tal-Unjoni u fuq it-territorju kollu tal-Greċja jew parti minnu, l-Istati Membri konċernati jistgħu jippostponu b'massimu ta' ħames snin l-iskadenzi li saret referenza għalihom f'dak il-paragrafu, fir-rigward ta' numru limitat ta' vapuri tal-passiġġieri li joperaw b'servizzi*** |

***regolari fuq rotot bejn il-portijiet tal-Unjoni, sakemm l-istandards relevanti tal-kwalità tal-arja jiġu rispettati.***

***L-Istati Membri li bi ħsiebhom jagħmlu użu min din id-dispożizzjoni għandhom jistabbilixxu lista ta' bastimenti u ta' rotot eliġibbli biex jibbenefikaw minn din id-deroga u jissottomettuha għall-approvazzjoni lill-Kummissjoni. L-Istati Membri konċernati għandhom jagħmlu l-lista approvata pubblika.***

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 6 – punt e**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4a – paragrafu 4c (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4c. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li ma jintużawx fjuwils tal-baħar fl-ibħra territorjali tagħhom u f'żoni ta' kontroll tat-tniġġis li jinsabu barra ż-Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-SOx minn ebda vapur li jopera servizzi regolari lejn jew minn kwalunkwe port tal-Unjoni jekk il-kontenut ta' kubrit ta' dawk il-fjuwils skont il-massa jaqbeż iż-0.10% mill-1 ta' Jannar 2015.*** <br><br> ***Dan il-paragrafu għandu japplika għall-bastimenti li jtajru liema bandiera jtajru, inklużi bastimenti li l-vjaġġ tagħhom ikun beda barra l-Unjoni.*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 7**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4b – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***3a. Mill-1 ta' Jannar 2015, Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jallinjaw il-kontenut ta' kubrit fil-fjuwils użati minn vapuri f'passaġġi tal-ilma interni, f'ibħra territorjali tal-Unjoni jew minn kwalunkwe vapur imriġġat f'xi port tal-Unjoni, mal-valuri li jinsabu fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 98/70/KE.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Skont ir-reġim attwali, valuri differenti marbutin mal-limitu tal-kubrit japplikaw għal vapuri li jbaħħru fuq l-oċeani u bastimenti li jintużaw f'passaġġi tal-ilma interni, anke jekk ibaħħru fl-istess estwarju. Jeħtieġ li din il-lakuna tingħalaq u l-valuri għall-limiti rigward bastimenti li jbaħħru fuq l-oċeani għandhom ikunu allinjati mad-dispożizzjonijiet dwar it-tbaħħir f'passaġġi tal-ilma interni u makkinarju mobbli mhux stradali attwalment infurzati mid-direttiva tal-UE dwar il-kwalità tal-fluwils. Minħabba l-effetti lokali fuq is-saħħa tal-emissjonijiet tal-vapuri (speċjalment tal-partikolati) u l-konċentrazzjoni tal-popolazzjonijiet li hemm fir-reġjuni tal-kosta, jeħtieġ li jittieħdu miżuri biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja lokali. Standards tal-kubrit simili għal tbaħħir mal-kosta u f'passaġġi tal-ilma interni huma ġustifikati mill-ħtieġa li titjieb il-kwalità tal-arja madwar il-portijiet u f'żoni mal-kosta.*

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 7**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4ba (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Artiklu 4ba*** |
| | ***Disponibbiltà tal-fjuwils tal-baħar*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw id-disponibbiltà u d-distribuzzjoni bilanċjata tal-fjuwils tal-baħar:*** |
| | ***- fejn il-kontenut tal-kubrit ma jaqbiżx iż-0.10% mill-1 ta' Jannar 2015;*** |
| | ***- fejn il-kontenut tal-kubrit ma jaqbiżx iż-0.50 % mill-1 ta' Jannar 2015;*** |
| | ***2. Il-paragrafu 1 m'għandux jeskludi l-*** |

***introduzzjoni tat-tali miżuri minn data aktar bikrija.***

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 7**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4bb (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 4bb*** |
| | ***Ekwivalenzi*** |
| | ***L-Amministrazzjoni ta' Stat Membru tista' tippermetti li jiġu installati fuq vapur kwalunkwe attrezzatura, materjal, strument jew apparat jew proċedura oħra, żejt tal-fjuwil alternattiv, jew metodu ta' konformità użati bħala alternattiva għal dak rekwiżit minn din id-Direttiva jekk tali attrezzatura, materjal, strument jew apparat jew proċedura oħra, żejt tal-fjuwil alternattiv, jew metodu ta' konformità jkun tal-inqas effettiv f'dak li hu tnaqqis tal-emissjonijiet daqs dak rekwiżit minn din id-Direttiva, inkluż kwalunkwe wieħed mill-istandards stipulati fl-Artikoli 4a u 4b.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-Regolament 4 tal-Anness VI tal-MARPOL dwar l-ekwivalenza jinkludi proċeduri operazzjonali jew mhux tekniċi li permezz tagħhom ikunu jistgħu jiġu adottati l-metodi tal-konformità utilizzati bħala alternattiva. Dan għandu jiġi inkorporat fid-Direttiva riveduta tal-UE biex jiġu inkoraġġiti l-iżviluppi u l-investiment f'teknoloġiji innovattivi.*

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 7**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4c – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-vapuri li jużaw il-metodi ta’ tnaqqis tal-emissjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ***b'mod konsistenti*** jiksbu tnaqqis fl-emissjonijiet ta’ diossidu tal-kubrit li jkun mill-anqas ekwivalenti għat-tnaqqis li jinkiseb bl-użu ta’ fjuwils tal-baħar li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikoli 4a u 4b. ***L-emissjonijiet ta’ diossidu tal-kubrit li jirriżultaw mill-użu tal-metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ma għandhomx jaqbżu l-valuri tal-limitu stipulati fl-Anness 1.*** | 2. Il-vapuri li jużaw il-metodi ta’ tnaqqis tal-emissjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiksbu tnaqqis fl-emissjonijiet ta’ diossidu tal-kubrit li jkun mill-anqas ekwivalenti għat-tnaqqis li jinkiseb bl-użu ta’ fjuwils tal-baħar li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikoli 4a u 4b. |

*Ġustifikazzjoni*

*Li titħassar il-kelma "kontinwament" jiżgura li scrubbers li jistgħu ma jkunux konformi temporanjament ikunu permessi xorta waħda skont id-Direttiva. It-tħassir se jippermetti wkoll l-użu ta' metodi ta' konformità oħra bħal ħruġ ta' medja. L-industrija qiegħda tesplora attivament il-vijabbiltà ta' ħruġ ta' medja f'ċerti żoni ġeografiċi fejn dan jagħmel l-aktar sens, bħall-ECA fit-Tramuntana tal-Amerika. Mhux il-metodi alternattivi ta' konformità kollha se jiksbu tnaqqis "kontinwu", iżda l-impatt ġenerali tagħhom fuq is-saħħa u l-ambjent se jkun, b'definizzjoni, ekwivalenti għal, jew saħansitra aħjar, milli kieku jintużaw fjuwils konformi. Il-Parlament Ewropew għandu jiżgura li l-UE ma tagħlaqx bla ħsieb il-bieb għal esplorazzjoni ulterjuri ta' soluzzjonijiet innovattivi. L-aħħar sentenza għandha titneħħa mill-Artikolu 4c peress li hija speċifika biss għall-użu ta' sistemi għat-tindif tal-gass tal-egżost u għalhekk ikun aħjar jekk titqiegħed fit-taqsima relevanti tat-tabella fl-Anness 2.*

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 7**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4c – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom, bħala soluzzjoni alternattiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, jinkoraġġixxu l-użu ta' sistemi terrestri tal-provvista tal-enerġija lill-bastimenti rmiġġati.*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 7**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4c – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-port jinkludu fit-tariffa tal-port jew f'tariffi oħra kull spiża ta' lqugħ, trattament u rimi ta' skariki minn sistemi għat-tindif tal-gass tal-egżost skont id-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000[1] dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija, irrispettivament mill-fatt jekk l-iskart jiġix konsenjat jew le.*** |
| | ***[1] ĠU L 332, 28.12.2000, p.81.*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 7**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4c – paragrafu 3b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Is-sostenn min-naħa ta' Stat Membru għall-installazzjoni ta' sistemi għat-tindif tal-gassijiet tal-egżost li ġew ordnati qabel il-31 ta' Diċembru 2013 għandu jitqies kumpatibbli mas-suq intern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 107 TFUE.*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 7**

Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4c – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 9a fir-rigward ta’: | Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 9a ***u l-istandards u l-istrumenti relevanti adottati mill-IMO*** fir-rigward ta': |

*Ġustifikazzjoni*

*L-ifformular tal-kliem donnu jimplika li l-Kummissjoni hija permessa tadotta, permezz ta’ atti ddelegati, miżuri li jistgħu jkunu differenti mid-deċiżjonijiet tal-IMO. Madankollu, huwa essenzjali li wieħed jibqa’ konformi għalkollox mal-Anness VI tal-MARPOL, peress li d-diverġenzi fi ħdan l-UE rigward il-metodi tat-tnaqqis tal-emissjonijiet jista' jkun li jirriżultaw f'sitwazzjoni fejn ma jiġux promossi alternattivi għall-użu tal-fjuwils b'kontenut baxx ta' kubrit, ħaġa li hija aspett essenzjali tad-direttiva.*

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 8a (ġdid)**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4ea (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*** |
| | ***'Artikolu 4ea*** |
| | ***Disponibilità taż-żejt tal-fjuwil*** |
| | ***Minkejja d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 3 u 4:*** |
| | ***1. Jekk Stat Membru isib li vapur ma jkunx konformi mal-istandards għall-fjuwil konformi stipulati f'din id-Direttiva, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tista' tirrikjedi li l-vapur:*** |
| | ***(a) jippreżenta reġistru tal-azzjonijiet meħuda biex jipprova jiżgura li jkun konformi; kif ukoll*** |
| | ***(b) jipprovdi evidenza li huwa pprova jixtri fjuwil konformi skont il-pjan tal-vjaġġ tiegħu u, jekk ma kienx sar disponibbli fejn kien ippjanat, li saru*** |

***tentattivi biex jinstabu għejun alternattivi għal tali żejt tal-fjuwil u li minkejja l-aħjar sforzi biex jikseb żejt tal-fjuwil konformi, l-ebda tali żejt tal-fjuwil ma kien sar disponibbli għax-xiri.***

***2. Il-vapur m'għandux ikun meħtieġ li jiddevja mill-vjaġġ intenzjonat tiegħu jew li jittardja l-vjaġġ bla bżonn sabiex jikseb konformità.***

***3. Stat Membru jista' jonqos milli jwettaq miżuri ta' kontroll jekk il-vapur ikun kapaċi juri dokumentazzjoni li pprova jikseb fjuwil konformi b'rieda tajba, filwaqt li jipprovdi l-informazzjoni stipulata fil-paragrafu 1.***

***4. Vapur għandu jinnotifika lill-amministrazzjoni tiegħu u lill-awtorità kompetenti tal-port ta' destinazzjoni relevanti meta ma jkunx jista' jixtri żejt tal-fjuwil konformi.***

***5. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni meta vapur ikun ippreżenta evidenza ta' nuqqas ta' disponibilità ta' żejt fjuwil konformi.***

***6. Tali dokumentazzjoni għandha titqies fl-infurzar ta' din id-Direttiva.'***

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9 – punt a**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiċċekkjaw permezz ta' teħid tal-kampjuni li l-kontenut ta' kubrit fil-fjuwils użati huwa konformi mal-Artikoli 3, 3a, 4, 4a u 4b. It-teħid tal-kampjuni għandu jibda fid-data li fiha jidħol fis-seħħ il-limitu rilevanti għall-kontenut massimu ta' kubrit fil-fjuwil. Dan għandu jsir bi frekwenza suffiċjenti u | L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiċċekkjaw permezz ta' teħid tal-kampjuni li l-kontenut ta' kubrit fil-fjuwils użati huwa konformi mal-Artikoli 3, 3a, 4, 4a u 4b. It-teħid tal-kampjuni għandu jibda fid-data li fiha jidħol fis-seħħ il-limitu rilevanti għall-kontenut massimu ta' kubrit fil-fjuwil. Dan għandu jsir ***perjodikament*** bi frekwenza |

| | |
|---|---|
| b'mod li l-kampjuni jkunu rappreżentattivi tal-fjuwil eżaminat, u fil-każ ta' fjuwil tal-baħar, tal-fjuwil li jkun qiegħed jintuża mill-bastimenti waqt li jkunu f'żoni tal-baħar jew f'portijiet rilevanti. | suffiċjenti***, fi kwantitajiet suffiċjenti*** u b'mod li l-kampjuni jkunu rappreżentattivi tal-fjuwil eżaminat, u fil-każ ta' fjuwil tal-baħar, tal-fjuwil li jkun qiegħed ***jiġi pprovdut u*** jintuża mill-bastimenti waqt li jkunu f'żoni tal-baħar jew f'portijiet rilevanti. |

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9 – punt a**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt ca (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) it-teħid ta' kampjuni u analiżi biex jiġi verifikat li l-użu ta' fjuwils tal-baħar għal kombustjoni abbord ikun konformi mal-linjigwida li se jiġu żviluppati mill-IMO;*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 10 – punt c u punt ca (ġdid)**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 7 - paragrafi 2 u 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***il-paragrafi*** 2 ***u 3 għandhom jitħassru***. | (c) ***il-paragrafu*** 2 ***għandu jinbidel b'dan li ġej:***<br>**'2. Fuq il-bażi inter alia*:***<br>**(a) tar-rapporti annwali mogħtija skont** ***il-paragarafi*** 1 ***u 1a;***<br>**(b) tax-xejriet osservati fir-rigward tal-kwalità tal-arja, l-aċidifikazzjoni, l-ispejjeż tal-fjuwil u l-qalba modali;**<br>**(c) progress fit-tnaqqis ta' emissjonijiet tal-kubrit u tal-ossidi tan-nitroġenu minn vapuri permezz tal-mekkaniżmi tal-IMO li f'dan ir-rigward isegwu l-** |

**inizjattivi** ***tal-Unjoni*****;**

**il-Kummissjoni għandha,** ***sal-31 ta' Diċembru 2013,*** **tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill** ***li għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposti leġiżlattivi. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra fir-rapport tagħha*****:**

***- l-impatti potenzjali fuq is-suq intern, partikolarment rigward il-kompetittività, mill-applikazzjoni ta' standards ta' emissjonijiet differenti fl-Unjoni*****;**

**- il-ħtir ta'** ***Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet*** **addizzjonali tal-SOx** ***u tal-NOx***

***- standards ta' kwalità fiż-żejt tal-fjuwil tal-baħar, skont dawk applikabbli għad-Direttiva 98/70/KE;***

***- miżuri kumplimentarji addizzjonali jew alternattivi li jnaqqsu aktar l-emissjonijiet mill-vapuri.'***

***(ca) il-paragrafu 3 huwa mħassar*****.**

**Emenda 52**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 10 – sottopunt cb (ġdid)**
Direttiva 1999/32/KE
**Artikolu 7 – paragrafi 2a u 2b (ġodda)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cb) il-paragrafi 2a u 2b li ġejjin huma miżjudin:*** |
| | ***'2a. Il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt ta' din id-Direttiva u sa tmiem l-2012 tipproponi sett ta' miżuri ta' kumpens biex jitnaqqsu l-impatti negattivi fuq l-industriji marittimi fl-Unjoni kollha.*** |
| | ***2b. Jekk l-IMO tiddeċiedi qabel l-1 ta' Jannar 2015 li temenda l-Anness VI tal-MARPOL, il-Kummissjoni għandha*** |

***awtomatikament tressaq proposta ġdida biex dik l-emenda tiġi inkorporata fil-liġi tal-Unjoni.'***

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 13**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 9a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Id-delega tas-setgħa*** msemmija ***fl-Artikoli*** 4a***(1a) u*** (2), 4c(4), 6(1)***,*** 7(1a) u ***7***(4) għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. | 2. ***Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati*** msemmija ***fl-Artikoli*** 4a(2), ***l-Artikolu*** 4c(4), ***l-Artikolu*** 6(1) ***u l-Artikolu*** 7(1a) u (4) għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. |

**Emenda 54**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 13**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Id-delega tas-setgħa msemmija ***fl-Artikoli*** 4a***(1a) u*** (2), 4c(4), 6(1)***,*** 7(1a) u ***7***(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att ta' delega li diġà jkun fis-seħħ. | 3. Id-delega tas-setgħa msemmija ***fl-Artikolu*** 4a(2), ***l-Artikolu 4b(3a), l-Artikolu*** 4c(4), ***l-Artikolu*** 6(1) ***u l-Artikolu*** 7(1a) u (4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att ta' delega li diġà jkun fis-seħħ. |

*Ġustifikazzjoni*

*Biex tiġi żgurata konsistenza mal-bqija tat-test.*

**Emenda 55**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 13**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 9a – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Att ta' delegat adottat skont ***l-Artikoli*** 4a***(1a) u*** (2), 4c(4), 6(1)***,*** 7(1a) u ***7***(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ***xahrejn*** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż ***b'xahrejn*** fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. | 5. Att ta' delega adottat skont ***l-Artikolu*** 4a(2), ***l-Artikolu*** 4c(4), ***l-Artikolu*** 6(1) ***u l-Artikolu*** 7(1a) u (4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ***tliet xhur*** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi ***tliet xhur*** fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. |

**Emenda 56**

**Proposta għal direttiva - att li jemenda**
**Anness**
Direttiva 1999/32/KE
Anness 2 – paragrafu 2 – inċiż 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – jiddokumentaw b'mod preċiż li kwalunkwe ***fluss ta'*** skart li jintrema fil-baħar, inklużi portijiet u estwarji magħluqa ma jkollux impatti negattivi sinifikanti fuq, u ma joħloqx riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent." | – jiddokumentaw b'mod preċiż li kwalunkwe skart ***tal-ilma, inkluż ilma użat f'konformità mar-rekwiżiti dwar l-ilma stipulati fir-Riżoluzzjoni MEPC.184(59) tal-IMO,*** li jintrema fil-baħar, inklużi portijiet u estwarji magħluqa ma jkollux impatti negattivi sinifikanti fuq, u ma joħloqx riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. |

## NOTA SPJEGATTIVA

**Il-proposta tal-Kummissjoni**

L-għan ewlieni tal-proposta hu li timplimenta l-limiti massimi maqbula fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) fl-2008 dwar il-kontenut tal-kubrit tal-fjuwils tal-baħar.

Din hija aktarx l-iktar riforma tas-saħħa importanti f'dan il-perjodu leġiżlattiv. Huwa stmat li kull sena, fl-Ewropa, l-emissjonijiet mill-vapuri li jniġġsu l-arja qed jikkawżaw 50,000 mewta qabel iż-żmien.

Il-limiti tal-kubrit f'Anness VI tal-Konvenzjoni MARPOL tal-IMO huma 0.1% fiż-Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-Kubrit (SECAs) mill-2015 u 0.5 % f'żoni oħra tal-baħar mill-2020. Il-pajjiżi li huma responsabbli minn 85 % ta' tunnellaġġ ta' basitimenti rratifikaw dawn il-limiti.

Is-SECAs tal-Ewropa huma l-Baħar tat-Tramuntana, il-Fliegu Ingliż u l-Baħar Baltiku. Iż-żewġ kosti tal-Istati Uniti tal-Amerka u l-Kanada ġew innominati wkoll bħala żoni ta' kontroll tal-emissjonijiet b'wisa' ta' 200 mil. Bħalissa l-limitu tal-kubrit fis-SECAs huwa ta' 1%. Il-fjuwil użat fuq l-ibħra miftuħa jista' jkun fih sa 4.5 % tal-kubirt sal-aħħar tal-2011 u wara sa 3.5 % sal-2019.

L-ossidi tal-kubrit u tan-nitroġenu jikkawżaw partikulati sekondarji fl-arja li jagħmlu l-ħsara lis-saħħa. It-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-vapuri jagħmilha eħfef li jinkisbu l-istandards tal-kwalità tal-arja f'għadd ta' Stati Membri.

Jekk l-emissjonijiet tal-ossidu tal-karbonju ma jitnaqqsux, dawn l-emissjonijiet fiż-żoni tal-baħar tal-UE se jaqbżu l-emissjonijiet kombinati miż-żoni tal-art tal-UE qabel tmiem dawn l-għaxar snin. Dawn l-emissjonijiet miż-żoni tal-art tnaqqsu b'90 % mill-quċċata tagħhom, u bi 72 % bejn l-1990 u l-2008.

Il-kontenut massimu permess tal-kubrit fil-fjuwil tal-vetturi tal-art huwa 10 ppm, 100 darba inqas mil-limitu li se jidħol fis-seħħ fis-SECAs mill-2015.

B'konformità ma' dak li ġie maqbul fi ħdan l-IMO, ikun possibbli wkoll li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-baħar b'mod alternattiv. Il-gassijiet mit-tromba taċ-ċumnija jistgħu jitnaddfu bi scrubbers, li jaġixxu fuq l-istess prinċipju bħall-aġġeġġi li ntużaw għal għexieren ta' snin biex inaddfu l-ossidi tal-kubrit minn gassijiet mit-tromba taċ-ċumnija rilaxxati minn fabbriki fuq l-art u impjanti tal-enerġija.  Jista' jitnuża wkoll il-gass naturali likwifikat (LNG).

Dawn il-metodi kollha għat-tnaqqis ta' emissjonijiet tal-ossidi tal-kubrit inaqqsu wkoll l-emissjonijiet tal-ossidi tan-nitroġenu u tal-karbonju iswed (in-nugrufun). L-ossidi tan-nitroġenu mhux biss jikkawżaw tniġġis atmosferiku u xita aċiduża imma wkoll l-ewtrifikazzjoni fl-ilma u fl-art, waqt li l-karbonju iswed huwa aġent li jsaħħan.

Huwa stmat li l-użu ta' scrubbers tal-gassijiet mit-tromba taċ-ċumnija se jnaqqsu l-ispiża tat-

tnaqqis tal-emissjonijiet b'tal-inqas in-nofs, jekk il-vapur ikun qed jivvjaġġa l-iktar fis-SECAs. Huwa stmat li l-LNG se jkun użat fuq medda wiesgħa bħala fjuwil għal vapuri ġodda hekk malli l-infrastruttura neċessarja tal-provvista tal-fjuwil tibda tintuża b'mod mifrux fil-portijiet.

Skont stimi tal-Kummissjoni l-valur monetarju tal-benefiċċji tas-saħħa li jista' jinkiseb jaqbeż l-ispejjeż tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-baħar b'fattur ta' bejn 2 u 25. Il-Kummissjoni tistima li l-valur monetarju tal-benefiċċji tas-saħħa huwa ta' bejn EUR 8 u 16-il biljun u l-ispiża bejn EUR 0.6 u 3.7 biljuni.

Il-valur monetarju tal-benefiċċji ambjentali għadu ma ġiex stmat, imma fil-Finlandja, pereżempju, ix-xita aċiduża tonqos b'60 % mil-livelli attwali.

Id-direttiva attwali dwar il-kontenut tal-kubrit tal-fjuwils tal-baħar fiha, minbarra l-limiti maqbula qabel fl-IMO, il-limiti tal-kubrit għall-vapuri fil-portijiet (0.1%) u għall-bastimenti li regolarment jintużaw fit-trasport tal-passiġġieri (1.5 %). Dawn tal-aħħar għandhom l-istess limitu bħall-ewwel limitu tas-SECAs maqbul fl-IMO.

Il-Kummissjoni tipproponi li l-limitu l-ġdid tal-kubrit għas-SECAs, jiġifieri ż-0.1 %, għandu japplika wkoll għall-bastimenti kollha tal-passiġġieri li jidħlu fil-portijiet tal-UE, imma dan il-limitu għandu jidħol fis-seħħ fl-2020.

**L-emendi proposti tar-rapporteur għall-proposta tal-Kummissjoni**

Ir-rapporteur tilqa' u tappoġġa l-prinċipju ewlieni tal-proposta tal-Kummissjoni, u tisħaq li l-limiti maqbula fl-IMO se jidħlu fis-seħħ xorta waħda, anki jekk ma tidħol fis-seħħ l-ebda direttiva. Madankollu, id-direttiva tista' tiċċara u tistandardizza l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ fi ħdan l-UE tal-limiti maqbula fl-IMO, tistabbilixxi kundizzjonijiet indaqs għall-kompetizzjoni, tiffaċilita l-istadju ta' tranżizzjoni u tħeġġeġ l-innovazzjonijiet.

Billi taqleb għal limiti aktar stretti ta' kubrit, ikun possibbli li jinkisbu benefiċċji sinifikanti tas-saħħa u tal-ambjent b'mod kosteffiċjenti, billi l-limitu ta' 0.1 % jiġi implimentat b'mod aktar wiesa' u mhux biss għas-SECAs attwali tal-Ewropa.

Għaldaqstant ir-rapporteur tappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni li l-limitu ta' kubrit ta' 0.1 % għandu jkun estiż għall-bastimenti li regolarment jintużaw fit-trasport tal-passiġġieri. Madankollu, ir-rapporteur tipproponi li l-limitu għandu jidħol fis-seħħ fl-2015, fl-istess perjodu li jidħol fis-SECAs.

Ir-rapporteur tipproponi wkoll li l-limitu ta' kubrit ta' 0.1 % għandu japplika għall-ibħra territorjali kollha tal-Istati Membri tal-UE sa 12-il mil nawtiku minn xtuthom. Fi kliem ieħor l-limitu attwalment applikabbli fil-portijiet tal-UE għandu jkun estiż għall-ibħra territorjali.

Dawn l-emendi jagħmluha possibbli biex jinkisbu beneffiċċji sinjifikattivi tas-saħħa u tal-ambjent u joħolqu wkoll kundizzjonijiet indaqs rigward l-impatti tal-ispejjeż tar-riforma.

F'dawk l-Istati Membri tal-UE li xtuthom jinsabu kollha kemm huma jew partijiet minnhom fis-SECAs, il-proporzjon tal-emissjonijiet tal-ossidu tal-kubrit li tiegħu huwa responsabbli t-

trasport bil-baħar huwa kif ġej: Id-Danimarka 39 %, il-Pajjiżi l-Baxxi 31 %, l-Isvezja 25 %, ir-Renju Unit u Franza 18 % u l-Belġju 13 %. Madankollu, bosta pajjiżi barra mis-SECAs għandhom ukoll proporzjoni għoli. L-Irlanda 21 %, il-Portugall 20 %, l-Italja u Spanja 15 %. Il-proporzjoni għal għadd ta' gżejjer u xtut Mediterranji huwa ta' iktar minn 20 %, u f'xi każijiet iktar minn 30 %.

Ir-rapporteur tipproponi li l-Kummissjoni għandha tesplora, sal-aħħar tal-2013, l-istabbiliment ta' żoni ġodda ta' restrizzjoni tal-emissjonijiet fiż-żoni tal-baħar Ewropej kif ukoll metodi għal tnaqqis ulterjuri tal-emissjonijiet, u għandha tirrapporta dwar dan lill-Parlament u lill-Kunsill u għandha tagħmel proposti għal żoni possibbli u ġodda ta' kontroll tal-emissjonijiet tal-ossidi tal-kubrit u tan-nitroġenu.

Minħabba li waqt il-perjodu tranżitorju xi operaturi jkollhom ibatu spejjeż sinifikanti u addizzjonali, partikolarment fil-każ ta' vjaġġi li jsiru l-aktar jew prinċipalment fis-SECAs, ir-rapporteur tipproponi li l-użu tal-għajnuna tal-istat għall-investiment għandu jkun iffaċilitat. Normalment l-ogħla limitu dwar l-għajnuna tal-istat huwa ta' 10% għal investimenti ambjentali li saru anqas minn tliet snin qabel mal-miżuri saru obbligatorji.

Ir-rapporteur tipproponi li f'dan il-każ għandu jkun permess li tingħata aktar għajnuna mill-istat sal-aħħar tal-2013. Din hi ġustifikata minħabba li t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-baħar huwa benefiċċju ekonomiku ewlieni għas-settur pubbliku minħabba t-tnaqqis li jakkumpanjah tal-ispejjeż tas-saħħa. Din tgħin ukoll biex is-suq tas-scrubbers tal-gassijiet mit-tromba taċ-ċumnija jibda l-proċess.

Gvernijiet u Rappreżentanzi Permanenti:

Il-Ministru Daniż għall-Ambjent Ida Auken
Ir-Rappreżentanza Permanenti Daniża
Il-Ministru Finlandiż għall-Ambjent Ville Niinsistö
Ir-Rappreżentanza Permanenti tal-Finlandja
Ir-Rappreżentanza Permanenti Franċiża
Ir-Rappreżentanza Permanenti Pollakka
Il-Ministru Svediż għall-Ambjent Lena Ek
Ir-Rappreżentanza Permanenti Svediża

Kummissjoni Ewropea:

DĠ Ambjent, uffiċjali pubbliċi responsabbli mid-Direttiva dwar il-Kubrit

L-Industriji u l-Organizzazzjonijiet mhux Governattivi:

Armateurs de France
Brittany Ferries
Konfederazzjoni tal-Industriji Finlandiżi
Couple Systems
European Environmental Bureau
European Cruise Council (ECC)
European Petroleum Industry Association
Exhaust Gas Cleaning Systems Association
ExxonMobil
Federazzjoni Finlandiża tal-Industriji Forestali
Assoċjazzjoni Finlandiża tas-Sidien tal-Bastimenti
FIPRA International (li tirrappreżenta r-Royal Caribbean Cruises Ltd)
Germanischer Lloyd
Port of Rotterdam
Scandline
Stena AB
Total
Transport & Environment (T&E)
TT-Line GmbH & Co. KG
Wärtsilä

17.1.2012

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/32/EC fir-rigward tal-kontenut ta' kubrit fil-fjuwils tal-baħar (COM(2011)0439 – C7-0199/2011 – 2011/0190(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Vilja Savisaar-Toomast

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fl-2008 l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) qablet dwar valuri massimi għall-kontenut ta' kubrit fil-fjuwils tal-baħar. Għaż-Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-Kubrit (SECAs), il-massimu tnaqqas minn 1.5 % għal 1 % mill-1 ta' Lulju 2010 u għal 0.1 % mill-1 ta' Jannar 2015. Fl-UE, il-Baħar Baltiku u l-Baħar tat-Tramuntana u l-Kanal Ingliż huma SECAs.

Il-limitu għal żoni oħra tal-baħar se jonqos minn 4.5 % għal 3.5 % mill-1 ta' Jannar 2012 u għal 0.5 % mill-1 ta' Jannar 2020. Il-bidu tal-limitu ta' 0.5 % jista' jara dewmien ta' ħames snin jekk mir-reviżjoni maħsuba għall-2018 jirriżulta li kien hemm żbilanċ bejn id-domanda u l-provvista ta' fjuwils adegwati.

Il-vapuri tal-passiġġieri fuq servizz regolari fil-preżent jeħtieġu li jissodisfaw il-limiti tas-SECA kemm jekk ikunu qed ibaħħru f'dawn iż-żoni kif ukoll jekk ma jkunux. Il-Kummissjoni tipproponi li dawn il-vapuri jkunu suġġetti għal-limitu ta' 0.1 % mill-2020. Id-dewmien ta' ħames snin fir-rigward tas-SECAs huwa sabiex jiġu evitati problemi potenzjali fir-rigward tad-disponibilità tal-fjuwil.

*Obbligi internazzjonali*

Jidher ċar li, ladarba l-Istati Membri tal-UE qablu li l-limiti tal-IMO jsiru aktar stretti u fid-dawl tal-ħatra ta' tliet SECAs Ewropej, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jeħtieġ li tkun allinjata mal-obbligi internazzjonali tagħha. Jekk tonqos li tagħmel dan, tkun qed tinħoloq mhux biss inċertezza legali iżda tkun qed tiddgħajjef il-kredibilità tan-negozjaturi, kemm fl-IMO kif

ukoll f'fora internazzjonali oħra, meta l-Unjoni tkun tipprova tipperswadi pajjiżi terzi jadottaw u jimplimentaw l-istandards internazzjonali.

*Il-benefiċċji għas-saħħa*

Barra minn hekk, il-limiti baxxi tal-kubrit għandhom iwasslu għal titjib sinifikanti fis-saħħa taċ-ċittadini Ewropej. Skont l-analiżi tal-kostbenifiċċju mwettqa mill-Kummissjoni, b'limitu ta' 0.1 % fis-SECAs jiġu evitati aktar minn 17 000 mewt prematura fis-sena fl-2020. Ikun hemm ukoll tnaqqis sostanzjali fil-mard respiratorju.

Billi l-vapuri tal-passiġġieri fuq servizz regolari normalment ibaħħru viċin ix-xtut, l-applikazzjoni tal-limitu ta' 0.1 % jkollha impatt sinifikanti fuq il-kwalità tal-arja fir-reġjuni tal-ixtut u għaldaqstant tidher li hija ġustifikata.

Tabilħaqq, id-daqs tal-benefiċċji għas-saħħa jitlob li wieħed jikkunsidra jekk dan il-limitu aktar baxx għall-kubrit għandux japplika wkoll għal ibħra oħrajn tal-UE.

*Kompetizzjoni ġusta*

L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-limitu ta' 0.1 % tindirizza wkoll it-tħassib dwar il-limiti differenti li japplikaw f'ibħra tal-ixtut Ewropej differenti. Wieħed jista' jiddibatti li dan joħloq pożizzjoni ta' kompetizzjoni żvantaġġata għall-kumpaniji tat-tbaħħir li joperaw fis-SECAs, kemm fir-rigward ta' żoni oħra kif ukoll fir-rigward tat-trasport bl-art.

L-UE tista' tirrestrinġi l-emissjonijiet sa ċerta distanza mix-xatt mingħajr ma tkun teħtieġ l-approvazzjoni tal-IMO. Madankollu dan jista' joħloq ir-riskju li t-traffiku marittimu jitgerrex mill-portijiet Ewropej lejn dawk tal-Afrika ta' Fuq. L-Istati Uniti u l-Kanada, meta ffissaw limitu ta' 200 mil nawtiku, talbu l-ħtir mill-IMO għal dan il-għan.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom għaldaqstant jfittxu li jippromwovu l-ħatra ta' baċini tal-baħar oħrajn bħala żoni SECAs mill-IMO.

*Iż-żamma tal-kompetittività tat-Trasport bil-Baħar*

Il-Parlament konsistement appoġġja l-objettiv li jitħeġġeġ it-trasport bil-baħar minħabba l-impatt ambjentali baxx tiegħu. Jekk limiti aktar baxxi tal-kubrit ikollhom iwasslu sabiex il-merkanzija li attwalment tinġarr bil-baħar tibda tinġarr bit-trakkijiet (l-hekk imsejħa "qalba modali b'lura"), dan ikun żvilupp mhux mixtieq f'termini ta' ħsara ambjentali (partikolarment f'termini ta' gassijiet b'effett ta' serra) u ta' żieda fil-konġestjoni.

Studji differenti taw riżultati li jvarjaw ferm dwar l-impatt li l-limiti l-ġodda aktarx ikollhom fuq il-proporzjon ta' merkanzija li tinġarr bil-baħar. Madankollu li jidher ċar huwa l-effett se jvarja skont il-prodott li jinġarr u skont ir-rotta li jieħu. Il-prodotti bi proprzjon relattivament għoli to volum għall-valur (pereżempju l-injam jew il-metalli mhux maħduma) jistgħu jintlaqtu aktar serjament minn prodotti industrijali. Għaldaqstant, jista' jkun xieraq li jkun hemm assistenza speċifika.

Il-ftehim tal-IMO u l-proposta tal-Kummissjoni diġà qed jgħinu biex jillimitaw l-impatt fuq il-kompetittività tat-tbaħħir billi jippermettu l-metodi ta' mitigazzjoni (l-hekk imsejħa

"scrubbers") jew it-taħlita ta' fjuwil u gass naturali likwifikat (LNG). Dan jippermetti lill-oriġinarji tal-merkanzija jagħżlu l-aktar mezz ekonomiku biex jissodisfaw il-limiti, filwaqt li jitqiesu s-snin u d-daqs tal-bastiment kif ukoll ir-rotot li l-bastiment huwa maħsub li jbaħħar fuqhom.

Filwaqt li s-sidien tal-vapuri u l-fornituri ta' tagħmir għandhom fehmiet differenti fir-rigward tad-disponibilità u l-affidabilità tas-scrubbers, id-dewmien fl-introduzzjoni tal-limitu ta' 0.1 % jnaqqas l-inċentivi biex jitwettqu r-riċerka u l-iżvilupp meħtieġa. Barra minn hekk, kulħadd jibda jistaqsi jekk l-iskadenza l-ġdida terġax tiġi posposta. Dan ikun ta' diżinċentiv għall-investiment f'din it-teknoloġija.

Dawk li jikkunsidraw jużaw l-LNG qed iħabbtu wiċċhom mad-dilemma klassika tat-tiġieġa u l-bajda: is-sidien tal-vapuri ma jridux jgħammru l-bastimenti tagħhom sabiex ikunu jistgħu jużaw l-LNG jekk ma jkollhomx il-garanzija li jkunu jistgħu jfornu l-bastimenti f'biżżejjed portijiet, filwaqt li l-portijiet qegħdin joqogħdu daqstant lura li jinvestu minħabba l-inċertezzi tad-domanda. L-Għajnuna mill-Istat, it-TEN-Ts u/jew il-Marco Polo jistgħu jikkontribwixxu biex tiġi żblukkata din is-sitwazzjoni.

Bħalissa qed jiġi żviluppat fl-IMO kodiċi ġdid għal-LNG u għal fjuwils simili. Dan għandu jidħol fis-seħħ fl-2014 flimkien mar-reviżjoni li jmiss tal-Konvenzjoni għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar. Minħabba li l-LNG huwa fjuwil nadif li prattikament jelimina l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-kubrit, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikulari biex jiżguraw li jkun hemm biżżejjed fjuwil LNG disponibbli u sabiex jiġu sodisfati r-rekwiżiti tas-sikurezza, inkluża l-possibilità tal-forniment waqt l-imbark jew l-iżbark tal-passiġġieri.

*Konklużjoni*

Minkejja li s-sidien tal-vapuri, l-operaturi u l-portijiet iridu jiffaċċjaw l-isfidi tal-limiti l-ġodda, l-UE trid twettaq l-impenji internazzjonali tagħha u tintroduċi l-limitu ta' 0.1 % mill-2015. Peress li diġà għadda nofs iż-żmien ta' tħejjija għal dan il-limitu, huwa essenzjali li l-Kummissjoni issa tkompli tiżviluppa l-istrument ta' miżuri ta' akkumpanjament u li l-industrija tiegħu vantaġġ mill-flessibilità offruta mill-alternattivi tal-fjuwil b'kubrit baxx, tas-scrubbers u tal-LNG.

## EMENDI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Skont id-Direttiva 1999/32/KE, il-Kummissjoni trid tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva u tressaq kwalunkwe proposta għal emendi, b'mod partikolari fir-rigward tat-tnaqqis tal-limiti ta' kubrit għall-fjuwil tal-baħar f'Żoni ta' Kontroll għall-Emissjonijiet tal-SOx (SECAs), ***billi tikkunsidra l-ħidma fi ħdan l-Organizzazzjoni*** Marittima Internazzjonali (IMO). | (4) Skont id-Direttiva 1999/32/KE, il-Kummissjoni trid tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva u tressaq kwalunkwe proposta għal emendi, b'mod partikolari fir-rigward tat-tnaqqis tal-limiti ta' kubrit għall-fjuwil tal-baħar f'Żoni ta' Kontroll għall-Emissjonijiet tal-SOx (SECAs), ***skont il-ħidma tal-Organizzazzjoni*** Marittima Internazzjonali (IMO). |

*Ġustifikazzjoni*

*It-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit li hemm fil-fjuwils għall-użu fuq il-baħar huwa determinat mill-IMO; huwa kompitu maġġuri u l-livell l-aktar xieraq tat-teħid tad-deċiżjonijiet għat-tlestija sal-aħħar tiegħu huwa l-livell internazzjonali. Fil-proposta tagħha l-Kummissjoni għandha tinsisti fuq l-importanza tad-dimensjoni internazzjonali u ma għandhiex għalhekk tagħti l-impressjoni li l-ħidma tal-IMO hija sempliċement waħda sekondarja u li tista' tiġi emendata mingħajr ma l-ewwel jiġu mgħarrfa l-partijiet internazzjonali l-oħra.*

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 4 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Huwa importanti wkoll li l-Kummissjoni tivvaluta l-konsegwenzi tal-iżgurar tal-konformità tas-settur tat-trasport marittimu fuq il-bażi ta' rapporti mfassla mill-Istati Membri, bil-għan li jkun jista' jsir l-ippjanar upsteam ta' miżuri xierqa ta' akkumpanjament, partikolarment billi jitwettqu studji dwar id-disponibilità tal-fjuwils, il-prezzijiet tagħhom, ir-riskji ta' bidla modali lura u l-impatt ta' din id-direttiva fuq l-operaturi ekonomiċi kollha fis-settur tat-trasport marittimu. Ir-riżultati ta' dawn l-istudji jagħmluha possibbli li jiġu ċċarati l-proposti tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni fil-prattika tal-"kaxxa tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***għodda" tagħha, kif imsemmi fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tas-16 ta' Settembru 2011 intitolat "Pollutant emission reduction from maritime transport and the sustainable waterborne transport toolbox", u l-implimentazzjoni tal-arranġamenti għat-trasport sostenibbli fuq l-ilmijiet.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-miżuri ta' akkumpanjament jidhru li huma essenzjali bil-għan li s-settur tat-trasport marittimu jkun megħjun jadatta: din hija t-tifsira tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2011)441. Kwalunkwe tnaqqis fis-servizzi marittimi għandu jiġi evitat u għalhekk hemm il-ħtieġa li ssir evalwazzjoni aktar kmieni tal-konsegwenzi ta' din id-direttiva biex tiġi żgurata l-konformità, sabiex jiġu kkunsidrati miżuri xierqa possibbli biex isir segwitu tal-proposta tal-Kummissjoni dwar il-miżuri ta' akkumpanjament għall-operaturi f'dan is-settur.*

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 4 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4b) Xi metodi għat-tnaqqis tal-SOx jistgħu jiġġeneraw l-iskart, b'mod partikolari ilma użat li jkun fih il-merkurju, is-selenju, u elementi oħra li jinsabu fi traċċi li jistgħu joħolqu l-ħtieġa li l-ilma użat jiġi ttrattat qabel ma jintrema. Il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida għall-iżvilupp armonizzat tal-faċilitajiet tal-ilqugħ fil-portijiet tal-Unjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li l-iscrubbers tal-SOx jistgħu jkunu għodod effiċjenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, jistgħu jiġġeneraw skart li ma għandux jintrema fl-ibħra. Fil-portijiet tal-UE l-Kummissjoni għandha tippromwovi l-iżvilupp tal-infrastruttura meħtieġa biex jintlaqa' u jiġi ttrattat l-ilma użat mill-iscrubbers.*

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) L-Anness VI rivedut tal-MARPOL jintroduċi, fost l-oħrajn, limiti aktar stretti għall-kubrit tal-fjuwils tal-baħar fis-SECAs (1.00 % mill-1 ta' Lulju 2010 u 0.10 % mill-1 ta' Jannar 2015) kif ukoll fiż-żoni tal-baħar barra s-SECAs (3.5 % mill-1 ta' Jannar 2012 u, fil-prinċipju, 0.50 % mill-1 ta' Jannar 2020). Il-maġġoranza tal-Istati Membri huma obbligati jesiġu li l-vapuri jużaw fjuwil b'kontenut ta' kubrit ta' mhux aktar minn 1.00 % fis-SECAs mill-1 ta' Lulju 2010 fuq il-bażi tal-impenji internazzjonali tagħhom. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-liġi internazzjonali kif ukoll sabiex jiġi żgurat infurzar korrett tal-istandards il-ġodda għall-kubrit li ġew stabbiliti b'mod globali fl-Unjoni, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 1999/32/KE għandhom jiġu allinjati mal-Anness VI rivedut tal-MARPOL. ***Sabiex tiġi żgurata l-kwalità minima tal-fjuwil użat mill-vapuri għal konformità abbażi tal-fjuwil jew tat-teknoloġija, m'għandux jitħalla jintuża jew jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni fjuwil tal-baħar li l-kontenut ta' kubrit tiegħu jaqbeż l-istandard ġenerali ta' 3.5 % skont il-massa.*** | (6) L-Anness VI rivedut tal-MARPOL jintroduċi, fost l-oħrajn, limiti aktar stretti għall-kubrit tal-fjuwils tal-baħar fis-SECAs (1.00 % mill-1 ta' Lulju 2010 u 0.10 % mill-1 ta' Jannar 2015) kif ukoll fiż-żoni tal-baħar barra s-SECAs (3.5 % mill-1 ta' Jannar 2012 u, fil-prinċipju, 0.50 % mill-1 ta' Jannar 2020). Il-maġġoranza tal-Istati Membri huma obbligati jesiġu li l-vapuri jużaw fjuwil b'kontenut ta' kubrit ta' mhux aktar minn 1.00 % fis-SECAs mill-1 ta' Lulju 2010 fuq il-bażi tal-impenji internazzjonali tagħhom. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-liġi internazzjonali kif ukoll sabiex jiġi żgurat infurzar korrett tal-istandards il-ġodda għall-kubrit li ġew stabbiliti b'mod globali fl-Unjoni, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 1999/32/KE għandhom jiġu allinjati mal-Anness VI rivedut tal-MARPOL. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-aħħar sentenza titpoġġa fil-Premessa 6b (ġdida) għal ċarezza akbar u sabiex tiġi evitata kull possibilità li wieħed jaħseb li dan il-limitu ta' 3.5 % jista' jeffettwa t-trasport bil-vapuri ta' fjuwil b'kontenut għoli ta' kubrit.*

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 6 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Fid-dawl tal-kwalità mtejba tal-arja u l-benefiċċji għas-saħħa li jiġu minn emissjonijiet aktar baxxi tal-kubrit u biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ugwali għas-settur tat-trasport mal-Unjoni kollha, il-Kummissjoni għandha tipproponi, b'kalendarju ċar ta' żmien, l-estensjoni tal-limitu ta' 0.10 % għal ibħra oħra li jmissu mal-artijiet tal-Istati Membri jew sabiex tiġi koperta distanza fissa mill-kosta tal-Unjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Skont studju ta' evalwazzjoni għall-Kummissjoni, jekk jitnaqqas il-limitu għal 0.1 % fil-Baħar Baltiku, fil-Baħar tat-Tramuntana u fil-Fliegu Ingliż, jiġu evitati aktar minn 17 000 mewt prematura fis-sena 2020. Jekk dan il-limitu jiġi applikat f'ibħra oħra jew jekk jiġi adottat limitu bbażat fuq id-distanza mill-kosta (l-Istati Uniti u l-Kanada japplikaw limitu ta' 200 mil nawtiku mill-kosta), ikunu qed jiġu salvati aktar ħajjiet u l-Istati Membri jkunu jistgħu jilħqu r-rekwiżiti tal-kwalità tal-arja.*

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 6 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6b) Sabiex tiġi żgurata l-kwalità minima tal-fjuwil użat mill-vapuri għal konformità abbażi tal-fjuwil jew tat-teknoloġija, m'għandux jitħalla jintuża jew jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni fjuwil tal-baħar li l-kontenut ta' kubrit tiegħu jaqbeż l-istandard ġenerali ta' 3.50 % skont il-massa. Dan il-limitu għandu japplika biss għall-fjuwil li l-vapuri jużaw biex ibaħħru u mhux għall-fjuwil li jinġarr minnhom.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-użu ta' fjuwil b'kontenut eċċessivament għoli ta' kubrit jista' jwassal għar-rilaxx ta' ilma skartat li jista' jħalli impatt negattiv fuq l-ambjent tal-baħar. Madankollu, huwa importanti li jkun ċar li l-limitu impost mill-Artikolu 3a japplika biss għall-fjuwil li jintuża biex iħaddem il-vapuri. Il-ġarr ta' fjuwil b'kontenut għoli ta' kubrit m'għandux jiġi effettwat minn dan l-Artikolu.*

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Il-vapuri tal-passiġġieri joperaw l-aktar fil-portijiet jew qrib żoni kostali u l-impatti tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent huma sinifikanti. Dawk il-vapuri huma meħtieġa jużaw fjuwil tal-baħar bl-istess kontenut massimu ta' kubrit kif applikabbli fis-SECAs (1.5 %). Minħabba li se japplikaw standards aktar stretti dwar il-kubrit fis-SECAs, huwa ġustifikat mill-ħtieġa li tittejjeb il-kwalità tal-arja madwar il-portijiet u l-kosti fit-territorji mhux SECA li l-istess standards japplikaw għall-vapuri tal-passiġġieri. ***Madankollu, l-introduzzjoni ta' standard SECA ġdid għall-vapuri tal-passiġġieri se tiġi ttardjata bi tliet (5) snin sabiex jiġu evitati problemi potenzjali bid-disponibbiltà tal-fjuwil.*** | (7) Il-vapuri tal-passiġġieri joperaw l-aktar fil-portijiet jew qrib żoni kostali u l-impatti tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent huma sinifikanti. Dawk il-vapuri huma meħtieġa jużaw fjuwil tal-baħar bl-istess kontenut massimu ta' kubrit kif applikabbli fis-SECAs (1.5 %). Minħabba li se japplikaw standards aktar stretti dwar il-kubrit fis-SECAs, huwa ġustifikat mill-ħtieġa li tittejjeb il-kwalità tal-arja madwar il-portijiet u l-kosti fit-territorji mhux SECA li l-istess standards japplikaw għall-vapuri tal-passiġġieri. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-limitu ta' 0.1% għall-kubrit għandu jiġi estiż għall-bastimenti li huma involuti fit-trasport regolari tal-passiġġieri. Bil-għan li jiġi evitat kull tgħawwiġ tal-kompetizzjoni, dan il-limitu għandhu jidħol fis-seħħ fl-2015, fl-istess żmien bħal fis-SECAs.*

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 8 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) L-infurzar tal-limitu ta' 0.10 % fis-snin li jiġu immedjatament wara l-2015 għandu jqis l-inċertezza dwar id-disponibilità ta' fjuwil b'kontenut baxx ta' kubrit u l-fehmiet differenti dwar l-effettività u l-affidabilità tat-teknoloġiji ta' mitigazzjoni tal-emissjonijiet. B'mod partikulari, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-introduzzjoni tat-teknoloġija tal-iscrubber u jieqfu milli jeħduha kontra d-ditti li qed jagħmlu sforzi ġenwini biex jikkonformaw mar-regoli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm disponibbli fjuwil li huwa konformi u li dan ikun distribwit b'mod ibbilanċjat skont ir-Regolament 18 tal-Anness VI rivedut tal-MARPOL. Fl-eventwalità li fjuwil konformi ma jkunx disponibbli f'uħud mill-portijiet, il-vapur għandu jitħalla jinvoka l-eżenzjoni li jipprovdi l-Anness VI rivedut tal-MARPOL applikabbli għall-vapuri li, minkejja l-aqwa sforzi biex jixtru żejt tal-fjuwil konformi, ma kinux kapaċi jakkwistaw żejt tal-fjuwil bħal dan. Il-bastiment ma għandux jintalab jiżvija mill-vjaġġ intenzjonat tiegħu jew li jittardja l-vjaġġ bla bżonn bil-għan li jsir konformi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li l-limiti li jirriżultaw mill-Anness VI rivedut għall-Ftehim dwar it-Tniġġis tal-Baħar huma obbligi internazzjonali li ġew approvati mill-Istati Membri, huwa importanti li, fis-snin immedjatament wara l-2015, l-infurzar iqis id-disponibilità ta' fjuwil u ta' teknoloġiji adegwati. Għandha tintwera wkoll ċerta tolleranza lejn id-ditti li jridu jobdu r-regoli iżda li qed jiltaqgħu ma' diffikultajiet prattiċi.*

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 11 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(11a) Huwa partikolarment importanti li jiġi evitat li jkun hemm bidla modali lura, minħabba l-fatt li ż-żieda eventwali ta' merkanzija li tinġarr bit-triq tmur kontra l-objettivi tat-tibdil fil-klima tal-Unjoni u żżid il-konġestjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-emissjonijiet medji tas-$CO_2$ għal kull tunnelleta kilometru għall-ġarr bit-triq huma aktar minn seba' darbiet daqs dawk li jirriżultaw mit-trasport bil-baħar. B'riżultat ta' dan, għandhom jittieħdu miżuri biex jevitaw li din id-Direttiva twassal biex ikun hemm bidla minn ġarr tal-merkanzija bil-baħar għal ġarr bit-triq minħabba l-ispejjeż ogħla ta' fjuwil għall-vapuri. Żieda fit-trasport bit-triq iżżid ukoll il-konġestjoni u l-livelli tal-ħsejjes, li t-tnejn diġà huma problemi serji għaċ-ċittadini Ewropej.*

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 11 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(11b)L-ispejjeż tar-rekwiżiti l-ġodda biex jonqsu l-emissjonijiet tal-kubrit qed jissograw li joħolqu bidla modali lura, li huwa ta' tħassib partikolari għal żoni u industriji li jiddependu sew mit-trasport bil-baħar. Il-Kummissjoni għandha tagħmel użu sħiħ mill-istrumenti eżistenti, bħal Marco Polo u TEN-T, partikolarment fi Stati Membri qrib is-SECAs, biex tipprovdi għajnuna mmirata biex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' bidla modali b'lura. Fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika attwali u l-effetti possibbli ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tippreżenta miżuri konkreti li jipprovdu lill-industrija għajnuna ekonomika u finanzjarja għall-appoġġ ta' teknoloġiji*** |

***marittimi favorevoli għall-ambjent qabel Jannar 2015, b'mod partikolari bil-kunsiderazzjoni tad-disponibilità tal-fjuwils, il-prezzijiet tagħhom, ir-riskji tal-bidla modali lura u l-impatt tal-miżuri ta' din id-Direttiva fuq l-operaturi ekonomiċi kollha fis-settur tat-trasport marittimu.***

*Ġustifikazzjoni*

*Spejjeż aktar għoljin għall-fjuwil tat-tbaħħir huma ta' tħassib partikulari għall-prodotti bi proporzjon relattivament għoli ta' volum għall-valur, inklużi l-karta u l-metalli mhux maħduma. Filwaqt li l-proġetti ta' appoġġ għall-użu ta' Gass Naturali Likwifikat (LNG) jew teknoloġiji tal-iscrubbers diġà huma eliġibbli għall-fondi mill-programmi Marco Polo u TEN-T Motorways tal-Baħar, jekk irridu li l-bidla modali lura tiġi minimizzata, dan l-appoġġ jeħtieġ li jkun sostnut u msaħħaħ.*

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 12 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(12a) L-użu tal-Gass Naturali Likwifikat (LNG) prattikament jelimina l-emissjonijiet tal-kubrit. Kodiċi ġdid għall-vapuri li jaħdmu bl-LNG huwa mistenni li jiġi introdott fl-2014 flimkien mar-reviżjoni li jmiss tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS). L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikulari għall-ħtieġa li tiġi żgurata s-sikurezza u d-disponibilità, kif ukoll operazzjonijiet ta' bunkering sikuri, tal-vapuri li jaħdmu bl-LNG, filwaqt li jipprevjenu li l-Konvenzjoni SOLAS riveduta toħloq barrieri bla bżonn għall-użu tal-LNG. Il-Kummissjoni għandha talloka fondi Ewropej bħal Marco Polo b'mod kemm jista' jkun wiesa' biex tinkoraġġixxi l-użu ta' LNG b'ammont baxx ta' kubrit bħala fjuwil marittimu. L-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu għal din it-tendenza billi jagħmlu l-faċilitajiet fiskali disponibbli għas-sidien tal-bastimenti li jinvestu fl-użu tal-LNG*** |

| | |
|---|---|
| | ***jew fl-iżvilupp u l-użu tal-iscrubbers.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jitqiesu l-esperjenzi li għaddew meta wieħed jiġi għar-reviżjoni tal-Anness VI għall-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis tal-Baħar (MARPOL) (il-proposta tal-Kummissjoni kienet waslet biss kważi tliet snin wara li kien hemm qbil dwarha fl-2008 u xi Stati Membri kienu wrew dubji dwar dak li kien sar qbil fuqu). Għall-kuntrarju tal-Kummissjoni, l-Istati Membri, bħala membri fl-IMO, għandhom jiżguraw li l-Kodiċi l-ġdid tal-LNG jinkuraġġixxi l-użu ta' sors ta' fjuwil aktar nadif mingħajr ma jiġu kompromessi l-istandards tas-sikurezza.*

*Għandhom jitqiesu r-regoli tas-sikurezza għall-operazzjonijiet ta' bunkering u d-disponibilità ta' installazzjonijiet tal-bunkering.*

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 12 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) L-Istati Membri jistgħu, bħala soluzzjoni alternattiva biex inaqqsu l-emissjonijiet, jiffaċilitaw sitwazzjoni fejn bastimenti irmiġġati jużaw sistemi tal-provvista tal-enerġija li jkunu fuq l-art minflok enerġija ġġenerata fuq il-bastimenti stess.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 3a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jintużawx ***jew jitqiegħdu fis-suq*** fjuwils tal-baħar fit-territorju tagħhom jekk il-kontenut ta' kubrit tagħhom jaqbeż 3.5 % skont il-massa. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jintużawx fjuwils tal-baħar fit-territorju tagħhom jekk il-kontenut ta' kubrit tagħhom jaqbeż it-3.50 % skont il-massa. ***L-użu tal-fjuwils tal-bastimenti li l-kontenut tal-kubrit tagħhom jaqbeż it-3.50 % skont il-massa għandu jkun permess biss flimkien ma' proċeduri ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***tnaqqis tal-emissjonijiet li jkollhom tal-inqas l-istess impatt pożittiv fuq l-ambjent bħal dak li jista' jinkiseb bl-użu ta' fjuwils b'kontenut baxx ta' kubrit.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-fjuwils li fihom kontenut ta' kubrit ta' aktar minn 3.5 % ma għandhomx jiġu pprojbiti ġeneralment jekk fl-istess ħin għandhom jiġu promossi teknoloġiji tat-tnaqqis tal-emissjonijiet li jistgħu jużaw fjuwils li fihom livelli ogħla ta' kubrit. L-użu ta' fjuwils li fihom livelli ogħla ta' kubrit għandu jkun permess fl-Unjoni biss jekk dan l-użu jsir flimkien mal-proċeduri tekniċi xierqa għat-tnaqqis tal-emissjonijiet.*

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 6 a**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4a – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "Il-kontenut massimu ta' kubrit fi fjuwils tal-baħar użati f'ibħra territorjali, żoni ekonomiċi esklużivi u żoni ta' kontroll tat-tniġġis tal-Istati Membri, fosthom iż-Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-SOx u minn vapuri tal-passiġġieri li joperaw ***servizzi regolari*** lejn u minn portijiet tal-Unjoni" | "Il-kontenut massimu ta' kubrit fi fjuwils tal-baħar użati f'ibħra territorjali, żoni ekonomiċi esklużivi u żoni ta' kontroll tat-tniġġis tal-Istati Membri, fosthom iż-Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-SOx u minn vapuri tal-passiġġieri li joperaw lejn u minn portijiet tal-Unjoni" |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 6 b**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| '1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li ma jintużawx fjuwils tal-baħar fiż-żoni tal-ibħra territorjali tagħhom, żoni ekonomiċi esklużivi u żoni ta' kontroll tat-tniġġis li jaqgħu fi ħdan Żoni ta' Kontroll tal- | '1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li ma jintużawx fjuwils tal-baħar fiż-żoni tal-ibħra territorjali tagħhom, żoni ekonomiċi esklużivi u żoni ta' kontroll tat-tniġġis li jaqgħu fi ħdan Żoni ta' Kontroll tal- |

| | |
|---|---|
| Emissjonijiet tal-SOx jekk il-kontenut ta' kubrit ta' dawk il-fjuwils skont il-massa jaqbeż: | Emissjonijiet tal-SOx ***u fl-ilmijiet territorjali tagħhom li ma jaqgħux fi ħdan iż-Żoni tal-Kontroll tal-Emissjonijiet tal-SOx*** jekk il-kontenut ta' kubrit ta' dawk il-fjuwils skont il-massa jaqbeż: |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 6 b**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan il-paragrafu għandu japplika għall-bastimenti li jtajru liema bandiera jtajru, inklużi bastimenti li l-vjaġġ tagħhom ikun beda barra l-Unjoni. | Dan il-paragrafu għandu japplika għall-bastimenti li jtajru liema bandiera jtajru, inklużi bastimenti li l-vjaġġ tagħhom ikun beda barra l-Unjoni. |
| | ***Il-bastimenti li joperaw trasport marittimu fuq distanzi qosra għandhom jiġu esklużi mill-arranġament imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu. L-arranġament imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu għandu jkompli japplika għalihom għal perjodu tranżizzjonali ta' ħames snin.*** |
| | ***Jekk ikun meħtieġ għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din l-eċċezzjoni, l-Istati Membri huma mistennija joħolqu l-prekondizzjonijiet ġuridiċi għalih fl-IMO.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 6 c**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4a – paragrafu 1a – subparagrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| '1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li ma jintużawx fjuwils tal-baħar fiż-żoni tal-ibħra territorjali tagħhom, żoni ekonomiċi esklużivi u żoni ta' kontroll tat-tniġġis jekk | '1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li ma jintużawx fjuwils tal-baħar fiż-żoni tal-ibħra territorjali tagħhom, żoni ekonomiċi esklużivi u żoni ta' kontroll tat-tniġġis ***li*** |

| | |
|---|---|
| il-kontenut ta' kubrit ta' dawk il-fjuwils skont il-massa jaqbeż: | ***jaqgħu barra ż-Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-SOx*** jekk il-kontenut ta' kubrit ta' dawk il-fjuwils skont il-massa jaqbeż: |

*Ġustifikazzjoni*

*Biex jiġi evitat kwalunkwe tgħawwiġ tal-kompetizzjoni, il-valur ta' limitu tas-SECAs għall-kontenut tal-kubrit fil-fjuwils marittimi għandu japplika b'mod uniformi fl-ibħra territorjali tal-Istati Membri kollha.*

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 6 c**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4a – paragrafu 1a – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***0.50% mill-1 ta' Jannar 2020***. | (b) ***0.10% mill-1 ta' Jannar 2015***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Biex jiġi evitat kwalunkwe tgħawwiġ tal-kompetizzjoni, il-valur ta' limitu tas-SECAs għall-kontenut tal-kubrit fil-fjuwils marittimi għandu japplika b'mod uniformi fl-ibħra territorjali tal-Istati Membri kollha.*

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 6 d**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 9a ta' din id-Direttiva fir-rigward tad-deżinjazzjoni ta' żoni tal-baħar bħalma huma ż-Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-SOx fuq il-bażi tad-deċiżjoni tal-IMO skont ir-Regolament 14(3)(2) tal-Anness VI tal-MARPOL. | Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 9a ta' din id-Direttiva fir-rigward tad-deżinjazzjoni ta' żoni tal-baħar bħalma huma ż-Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-SOx fuq il-bażi tad-deċiżjoni tal-IMO skont ir-Regolament 14(3)(2) tal-Anness VI tal-MARPOL. ***L-introduzzjoni ta' kwalunkwe Żona ta' Kontroll tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Emissjonijiet ġdida għandha tgħaddi mill-proċess tal-IMO skont l-Anness VI tal-MARPOL b'każ li jkun inħadem kif imiss, appoġġjat minn data xjentifika fuq bażi ambjentali u ekonomika.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 6 e**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4a - paragrafu 4 - parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li ma jintużawx fjuwils tal-baħar fl-ibħra territorjali tagħhom, żoni ekonomiċi esklużivi u żoni ta' kontroll tat-tniġġis li jinsabu barra Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-SOx minn vapuri tal-passiġġieri ***li joperaw servizzi regolari*** lejn jew minn kwalunkwe port tal-Unjoni jekk il-kontenut ta' kubrit ta' dawk il-fjuwils skont il-massa jaqbeż: | 4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li ma jintużawx fjuwils tal-baħar fl-ibħra territorjali tagħhom, żoni ekonomiċi esklużivi u żoni ta' kontroll tat-tniġġis li jinsabu barra Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-SOx minn vapuri tal-passiġġieri lejn jew minn kwalunkwe port tal-Unjoni jekk il-kontenut ta' kubrit ta' dawk il-fjuwils skont il-massa jaqbeż: |

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 6 e**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4a – paragrafu 4 – punt c a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) 0.50 % mill-1 ta' Jannar 2015;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Skont il-proposta tal-Kummissjoni, il-limitu għall-vapuri tal-passiġġieri li joperaw servizzi regolari (attwalment allinjat mal-limitu tas-SECA) għandu jitnaqqas għal 0.1 % fl-2020, ħames snin wara li l-limitu tas-SECA jilħaq dak il-livell. Filwaqt li dan huwa ġustifikabbli sabiex tiġi ggarantita d-disponibilità tal-fjuwil b'kontenut baxx tal-kubrit, billi dawn il-vapuri normalment ibaħħru qrib ix-xtut, it-tnaqqis tal-limitu sa valur intermedju fl-2015 iwassal għal*

*benefiċċji sinifikanti għas-saħħa.*

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 6 e**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4 a – paragrafu 6 – punt d a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) jippermettu vapur li ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li jibbenefika mill-miżuri skont il-paragrafu 2.2. u 2.3 tar-Regolament 18, jekk il-kundizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2.1 ta' dak ir-Regolament ikunu sodisfatti;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-Regolament 18 tal-Konvenzjoni tal-MARPOL jipprovdi li bastiment li jista' jagħti prova li ma setax jieħu fjuwil mhux se jiġi furzat ibiddel jew jittardja l-itinerarju tiegħu biex jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni. Din l-emenda għalhekk tfittex li tinkludi fid-Direttiva din l-eżenzjoni għall-bastimenti li b'mod eċċezzjonali jkunu jeħtieġu jieqfu f'port tal-UE mingħajr ma setgħu jieħdu fjuwil aktar qabel.*

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 7**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4b – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jitpoġġewx żjut tal-gass tal-baħar fis-suq fit-territorju tagħhom jekk il-kontenut ta' kubrit ta' dawk iż-żjut tal-baħar jaqbeż 0.10 % skont il-massa.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu l-ġdid 4b għandu jitħassar peress li ż-żejt tal-gass marittimu b'kontenut ta' kubrit*

*ta' aktar minn 0.1% imma ta' inqas jew daqs 0.5% skont il-massa huwa mistenni li jiġi pprovdut mill-industrija taż-żejt biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti globali għall-kontenut tal-kubrit mill-2020 jew mill-2025.*

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 7**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4b – paragrafu 3 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Amministrazzjoni ta' Stat Membru tista' tippermetti kwalunkwe attrezzatura, materjal, strument jew apparat li għandhom jiġu installati fuq vapur jew proċeduri oħra, żjut tal-fjuwil alternattivi, jew metodi ta' konformità użati bħala alternattiva għal dak rekwiżit minn din id-Direttiva jekk tali attrezzatura, materjal, strument jew apparat jew proċeduri oħra, żjut tal-fjuwil alternattivi, jew metodi ta' konformità jkunu tal-inqas effettivi f'dak li hu tnaqqis tal-emissjonijiet daqs dak rekwiżit minn din id-Direttiva, inkluż kwalunkwe wieħed mill-istandards spjegati fl-Artikoli 4a u 4b.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-Regolament 4 tal-Anness VI tal-MARPOL dwar l-ekwivalenza jinkludi proċeduri operazzjonali jew mhux tekniċi li permezz tagħhom ikunu jistgħu jiġu adottati l-metodi tal-konformità utilizzati bħala alternattiva. Dan għandu jiġi inkorporat fid-Direttiva riveduta tal-UE biex jiġu inkoraġġiti l-iżviluppi u l-investiment f'teknoloġiji innovattivi.*

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 7**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4b a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artiklu 4ba*** |
| | ***Disponibilità tal-fjuwils marittimi*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-fjuwils marittimi jkunu disponibbli u ddistribwiti b'mod ibbilanċjat:*** |
| | ***- fejn il-kontenut tal-kubrit ma jaqbiżx 0.10% mill-1 ta' Jannar 2015;*** |
| | ***- fejn il-kontenut tal-kubrit ma jaqbiżx 0.50% mill-1 ta' Jannar 2020;*** |
| | ***2. Il-paragrafu 1 m'għandux jipprekludi l-introduzzjoni ta' tali miżuri minn data aktar bikrija.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 7**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4c – paragrafu 2 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) L-Istati Membri għandhom, bħala soluzzjoni alternattiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, jinkoraġġixxu lill-bastimenti irmiġġati jużaw sistemi tal-provvista tal-enerġija ta' fuq l-art.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 7**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4c – paragrafu 3 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-port jinkludu fit-tariffa*** |

***tal-port jew f'tariffi oħra kull spiża ta' lqugħ, trattament u rimi ta' skariki minn sistemi għat-tindif tal-gass tal-egżost skont id-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija*.***

______________

**** ĠU L 332, 28.12.2000, p. 81.***

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Direttiva dwar il-Faċilitajiet tal-Akkoljenza fil-Portijiet bħalissa tinsab għaddejja minn proċess ta' reviżjoni, kwalunkwe referenza għar-rimi ta' skart mis-sistemi tat-tindif tal-gass tal-egżost għandha tirreferi għad-direttiva dedikata.*

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 7**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4c – paragrafu 4 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti *ta' delega* skont l-Artikolu 9a fir-rigward ta': | ***Bil-għan li jiġu implimenti l-istandards u l-istrumenti relevanti adottati mill-IMO,*** il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti *delegati* skont l-Artikolu 9a fir-rigward ta': |

*Ġustifikazzjoni*

*L-ifformular tal-kliem donnu jimplika li l-Kummissjoni hija permessa tadotta, permezz ta' atti delegati, miżuri li jistgħu jkunu differenti mid-deċiżjonijiet tal-IMO. Madankollu, huwa essenzjali li wieħed jibqa' konformi għalkollox mal-Anness VI tal-MARPOL, peress li d-diverġenzi fi ħdan l-UE rigward il-metodi tat-tnaqqis tal-emissjonijiet jista' jkun li jirriżultaw f'sitwazzjoni fejn ma jiġux promossi alternattivi għall-użu tal-fjuwils b'kontenut baxx ta' kubrit, ħaġa li hija aspett essenzjali tad-direttiva.*

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 8 a (ġdid)**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 4e a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 4ea*** |
| | ***Disponibilità taż-żejt tal-fjuwil*** |
| | ***Minkejja l-Artikoli 3 u 4:*** |
| | ***1. Jekk Stat Membru jsib li bastiment ma jkunx konformi mal-istandards għaż-żjut tal-fjuwil konfomi spjegati f'din id-Direttiva, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru hija intitolata li tesiġi li l-bastiment:*** |
| | ***(a) jippreżenta rekord tal-azzjonijiet meħuda biex jipprova jiżgura konformità; u*** |
| | ***(b) jipprovdi evidenza li huwa pprova jixtri żejt tal-fjuwil konformi skont il-pjan tal-vjaġġ tiegħu u, jekk ma kienx sar disponibbli fejn kien ippjanat, li saru tentattivi biex jinstabu sorsi alternattivi għal tali żejt tal-fjuwil u li minkejja l-aħjar sforzi biex jikseb żejt tal-fjuwil konformi, l-ebda tali żejt tal-fjuwil ma kien disponibbli għax-xiri.*** |
| | ***2. Il-bastiment ma għandux ikun rekwiżit li jiżvija mill-vjaġġ intenzjonat tiegħu jew li jittardja l-vjaġġ bla bżonn bil-għan li jiżgura l-konformità.*** |
| | ***3. Jekk bastiment jipprovdi t-tagħrif spjegat fil-punt 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom iqisu ċ-ċirkostanzi relevanti kollha u l-evidenza ppreżentata bil-għan li jiddeterminaw l-azzjoni xierqa li għandhom jieħdu, inkluż li ma jeħdux miżuri ta' kontroll.*** |
| | ***4. Bastiment għandu jinnotifika lill-Amministrazzjoni tiegħu u lill-awtorità kompetenti tal-port ta' destinazzjoni relevanti meta ma jkunx jista' jixtri żejt*** |

| | |
|---|---|
| | ***tal-fjuwil konformi.*** |
| | ***5. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni meta bastiment ikun ippreżenta evidenza ta' nuqqas ta' disponibilità ta' żejt tal-fjuwil konformi."*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9 a**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) it-teħid ta' kampjuni u analiżi tal-kontenut ta' kubrit ta' fjuwils tal-baħar għal kombustjoni abbord ***li jkun jinsab f'tankijiet u*** f'kampjuni tal-bunker issiġillati abbord il-vapuri; | b) it-teħid ta' kampjuni u analiżi tal-kontenut ta' kubrit ta' fjuwils tal-baħar għal kombustjoni abbord f'kampjuni tal-bunker issiġillati abbord il-vapuri; |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Konvenzjoni tal-MARPOL tagħmel dispożizzjoni biss għall-analiżi ta' 'kampjuni ssiġillati', li huwa l-uniku mod kif tiġi ggarantita l-omoġeneità tal-fjuwil użat. L-IMO ma għandha l-ebda bżonn tat-teħid ta' kampjuni tal-fjuwil 'li jinsab fit-tankijiet'. Jidher prematur li tiġi rekwiżita l-analiżi ta' kampjuni ta' fjuwils li jinsabu f'tankijiet. Il-Kummissjoni tista' tuża atti delegati biex iġġib din id-direttiva konformi ma' kwalunkwe żvilupp futur f'dan il-qasam.*

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 10 c**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 7 - paragrafi 2 u 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***il-paragrafi 2 u 3 għandhom jitħassru.*** | (c) ***il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:*** <br> ***'2. Fi żmien [sentejn] mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni*** |

***għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ibbażat, fost l-oħrajn, fuq:***

***(a) rapporti annwali mressqa skont il-paragrafu 1;***

***(b) xejriet osservati fil-kwalità tal-arja (kemm il-konċentrazzjonijiet, l-esponiment kif ukoll id-depożizzjoni ta' sustanzi li jniġġsu l-arja), l-aċidifikazzjoni, l-ispejjeż tal-fjuwil u l-bidla modali);***

***(c) progress fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-kubrit u tal-ossidi tan-nitroġenu kif ukoll tal-materja partikolata inkluż il-karbonju iswed minn bastimenti permezz tal-mekkaniżmi tal-IMO li f'dan ir-rigward isegwu l-inizjattivi tal-Unjoni;***

***(d) analiżi ġdida tal-effettività fir-rigward tal-ispejjeż magħmula, inklużi l-benefiċċji ambjentali diretti u indiretti, ta' miżuri li jinsabu fl-Artikolu 4a(4) u ta' miżuri ulterjuri possibbli ta' tnaqqis ta' emissjonijiet; u***

***(e) l-użu possibbli ta' strumenti ekonomiċi biex jiġu kkumplementati l-limiti aktar baxxi tal-kubrit, bħalma huma mekkaniżmi fiskali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet b'benefiċċji ċari għas-saħħa u għall-ambjent;***

***(f) l-implimentazzjoni tal-Artikoli 4c, 4d u 4e;***

***(g) l-użu u d-disponibilità ta' scrubbers, kemm abbord u kemm fuq l-art u***

***(h) l-iżviluppi rigward id-disponibilità tal-fjuwil.***

***Fir-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tagħti kunsiderazzjoni partikolari lill-proposti għad-deżinjazzjoni ta' aktar Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet ta' SOx u NOx. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun il-każ, bi proposta leġiżlattiva biex ikomplu***

| | |
|---|---|
| | ***jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-bastimenti.'*** |
| | ***(ca) il-paragrafu 3 huwa*** mħassar |

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 10**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 7 – paragrafu 3 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Sal-1 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni Ewropea għandha tressaq stħarriġ estensiv dwar l-impatt tal-introduzzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni, partikolarment fir-rigward tal-possibilità ta' bidla modali mit-trasport bl-ilma għal trasport bl-art. Dan għandu jinkludi wkoll investigazzjoni tal-impatt tal-introduzzjoni tal-istandard tal-kubrit ta' 0.1% għall-ibħra Ewropej kollha. Jekk dan l-istħarriġ juri li t-trasport bl-ilma qed jiġi sostitwit bit-trasport bl-art, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta leġiżlattiva alternattiva li ma tinvolvi l-ebda bidla mit-trasport bl-ilma għat-trasport bl-art.*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 10 c b (ġdid)**
Direttiva 1999/32/KE
Artikolu 7 – paragrafu 3 b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cb) għandu jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:*** |
| | ***3b. Jekk l-IMO tiddeċiedi qabel l-1 ta' Jannar 2015 li temenda l-Anness XI tal-Konvenzjoni tal-MARPOL, il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Kummissjoni għandha awtomatikament tressaq proposta ġdida biex dik l-emenda tiġi inkorporata fil-liġi tal-Unjoni.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness**
Direttiva 1999/32/KE
Anness 2 – paragrafu 2 – inċiż 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***jiddokumentaw*** b'mod preċiż li kwalunkwe fluss ta' skart li jintrema fil-baħar, inklużi portijiet u estwarji magħluqa ma jkollux impatti negattivi sinifikanti fuq, u ma joħloqx riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent." | – ***jiddokumenta*** b'mod preċiż li kwalunkwe fluss ta' skart***, inkluż ilma użat f'konformità mar-rekwiżiti dwar l-ilma użat fir-Riżoluzzjoni MEPC.184(59) tal-IMO,*** li jintrema fil-baħar, inklużi portijiet u estwarji magħluqa ma jkollux impatti negattivi sinifikanti fuq , u ma joħloqx riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent." |

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Emenda tad-Direttiva 1999/32/KE fir-rigward tal-kontenut ta' kubrit fil-karburanti marittimi |
| **Referenzi** | COM(2011)0439 – C7-0199/2011 – 2011/0190(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>13.9.2011 |
| **Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | TRAN<br>13.9.2011 |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Vilja Savisaar-Toomast<br>30.8.2011 |
| **Eżami fil-kumitat** | 22.11.2011 19.12.2011 |
| **Data tal-adozzjoni** | 20.12.2011 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 39<br>–: 2<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Inés Ayala Sender, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Antonio Cancian, Michael Cramer, Philippe De Backer, Luis de Grandes Pascual, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Carlo Fidanza, Knut Fleckenstein, Jacqueline Foster, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Juozas Imbrasas, Ville Itälä, Dieter-Lebrecht Koch, Georgios Koumoutsakos, Werner Kuhn, Jörg Leichtfried, Bogusław Liberadzki, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Hubert Pirker, David-Maria Sassoli, Vilja Savisaar-Toomast, Debora Serracchiani, Brian Simpson, Keith Taylor, Silvia-Adriana Ţicău, Peter van Dalen, Dominique Vlasto, Artur Zasada |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Isabelle Durant, Michael Gahler, Zita Gurmai, Dominique Riquet, Anna Rosbach, Oldřich Vlasák, Janusz Władysław Zemke |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Kristiina Ojuland |

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Emenda tad-Direttiva 1999/32/KE fir-rigward tal-kontenut ta' kubrit fil-karburanti marittimi |
| **Referenzi** | COM(2011)0439 – C7-0199/2011 – 2011/0190(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 15.7.2011 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>13.9.2011 |
| **Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE TRAN<br>13.9.2011 13.9.2011 |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | ITRE<br>5.10.2011 |
| **Eżami fil-kumitat** | 22.11.2011 16.2.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 16.2.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 48<br>–: 15<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | János Áder, Elena Oana Antonescu, Kriton Arsenis, Paolo Bartolozzi, Sergio Berlato, Nessa Childers, Yves Cochet, Chris Davies, Esther de Lange, Anne Delvaux, Bas Eickhout, Edite Estrela, Jill Evans, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Dan Jørgensen, Karin Kadenbach, Christa Klaß, Holger Krahmer, Jo Leinen, Peter Liese, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Vladko Todorov Panayotov, Gilles Pargneaux, Andres Perello Rodriguez, Sirpa Pietikäinen, Mario Pirillo, Pavel Poc, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Kārlis Šadurskis, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Theodoros Skylakakis, Salvatore Tatarella, Anja Weisgerber, Åsa Westlund |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Margrete Auken, Cristian Silviu Buşoi, Christofer Fjellner, Vicky Ford, Gaston Franco, Julie Girling, Jutta Haug, Jiří Maštálka, Marisa Matias, Judith A. Merkies, Eva Ortiz Vilella, Britta Reimers, Eleni Theocharous, Marita Ulvskog, Kathleen Van Brempt, Peter van Dalen, Andrea Zanoni |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Sampo Terho |
| **Data tat-tressiq** | 27.2.2012 |